Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel

2025/0207(COD)

5.2.2026

EMENDI
101 - 284

Abbozz ta' rapport
Christophe Clergeau
(PE781.186v01-00)

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u emendar tar-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (UE) Nru 528/2012, (UE) Nru 649/2012 u (UE) 2019/1021

Proposta għal regolament
(COM(2025)0386 – 2025/0207(COD))

Emenda 101
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji ***u*** l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi ***alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali***.	(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji***,*** l-użu sikur***, u s-sostenibbiltà ambjentali*** tas-sustanzi kimiċi ***u l-gruppi tagħhom, it-taħlitiet u l-oġġetti*** sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent***, inkluża l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli***, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi ***l-iżvilupp u l-użu ta' approċċi li ma jinvolvux l-annimali u metodoloġiji emerġenti. Billi tilħaq l-objettivi u l-kompiti tagħha, l-Aġenzija se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-objettivi tat-Trattati, u, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 191(2) tat-TFUE, li l-politika ambjentali għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li jenħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva, li d-dannu ambjentali jenħtieġ li bħala prijorità jiġi rettifikat fis-sors u li min iniġġes jenħtieġ li jħallas***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Simili ħafna għall-emenda 1 tar-rapporteur, iżda biż-żieda ta' referenza għal gruppi ta' sustanzi kimiċi u korrezzjoni fir-rigward ta' approċċi li ma jinvolvux l-annimali.

Emenda 102
Christophe Clergeau

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji ***u*** l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi ***alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali***.	(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji***,*** l-użu sikur***, u s-sostenibbiltà ambjentali*** tas-sustanzi***, tat-taħlitiet u tal-oġġetti*** kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent***,*** ***inkluża l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli,*** il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi ***approċċi li ma jinvolvux l-annimali***. ***Billi tilħaq l-objettivi u l-kompiti tagħha, l-Aġenzija se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-objettivi tat-Trattati, u, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 191(2) tat-TFUE, li l-politika ambjentali għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li jenħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva, li d-dannu ambjentali jenħtieġ li bħala prijorità jiġi rettifikat fis-sors u li min iniġġes jenħtieġ li jħallas***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tikkoreġi żball fl-abbozzar fl-abbozz ta' rapport.

Emenda 103
Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi ***alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali***.	(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju***, biex tissalvagwardja u ttejjeb aktar l-istandards tas-saħħa okkupazzjonali*** u tippromwovi ***approċċi li ma jinvolvux l-annimali***. ***Billi tilħaq l-objettivi u l-kompiti tagħha, l-Aġenzija se tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni sħiħa tal-objettivi tat-Trattati, u, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 191(2) tat-TFUE, li l-politika ambjentali għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li jenħtieġ li tittieħed azzjoni preventiva, li d-dannu ambjentali jenħtieġ li bħala prijorità jiġi rettifikat fis-sors u li min iniġġes jenħtieġ li jħallas***.

Or. en

Emenda 104
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-	(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi ***u tat-taħlitiet*** kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem***, inkluż tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni,*** u tal-

konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.

ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.

Or. en

Emenda 105
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi ***alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali***.	(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi ***approċċi li ma jinvolvux l-annimali***.

Or. en

Emenda 106
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-	(9) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-

infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi ***kimiċi*** sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.	infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, il-funzjonament effiċjenti tas-suq intern u l-koerenza u l-konsistenza fil-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.

Or. en

Emenda 107
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(9a) Il-prospettiva strateġika u l-valutazzjonijiet tal-impatt robusti tar-restrizzjonijiet proposti skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, inkluża l-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet xjentifiċi, ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ġeopolitiċi, huma essenzjali biex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet regolatorji infurmat, proporzjonat u effettiv fil-livell tal-Unjoni u biex jiġu ppreżervati l-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur kimiku tal-Unjoni. Tali valutazzjonijiet jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u data affidabbli u jenħtieġ li jqisu l-effetti kumulattivi u transsettorjali, inklużi l-impatti fuq l-innovazzjoni, il-ktajjen tal-provvista, u l-awtonomija strateġika. Meta l-Aġenzija tippjana jew tħejji restrizzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, jenħtieġ li tħejji, twettaq, tissottometti u tippubblika tali valutazzjonijiet tal-impatt bħala parti mill-ħidma ta' tħejjija. Barra minn hekk, fuq talba mill-Parlament Ewropew, jenħtieġ li**

l-Aġenzija tħejji, twettaq, tissottometti u tippubblika tali valutazzjonijiet tal-impatt fi żmien xieraq biex tippermetti valutazzjoni sinifikattiva tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tal-impatti ġenerali tar-restrizzjoni proposta skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, inklużi l-implikazzjonijiet xjentifiċi, ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ġeopolitiċi tagħha.

Or. en

Emenda 108
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) ***Jenħtieġ li*** l-istruttura tal-Aġenzija ***tkun adattata għall-kompiti tagħha u*** jenħtieġ li tqis l-esperjenza miksuba mill-funzjonament u l-prestazzjoni tal-Aġenzija sa mit-twaqqif tagħha. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun mgħammra biex twettaq il-kompiti tagħha b'kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi għoljin biex tiġi żgurata l-ogħla kwalità possibbli. ***Billi l-fiduċja fl-Aġenzija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri, il-pubbliku ġenerali u l-partijiet interessati hija vitali,*** jenħtieġ li ***din twettaq il-kompiti tagħha b'mod trasparenti u effiċjenti***.	(11) L-istruttura tal-Aġenzija jenħtieġ li tqis l-esperjenza miksuba mill-funzjonament u l-prestazzjoni tal-Aġenzija sa mit-twaqqif tagħha***. L-istruttura tal-Aġenzija jenħtieġ li tippermetti prestazzjoni effiċjenti filwaqt li tibqa' reżiljenti għall-bidliet fl-ambitu u fl-ammont ta' xogħol***. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun mgħammra biex twettaq il-kompiti tagħha b'kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi għoljin biex tiġi żgurata l-ogħla kwalità possibbli. ***Sabiex tinżamm il-fiduċja fil-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, l-Aġenzija jenħtieġ li tiżgura li l-valutazzjonijiet xjentifiċi u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha jkunu trasparenti, kredibbli u fdati mill-partijiet ikkonċernati kollha u mill-pubbliku. Tali fiduċja tiddependi mill-indipendenza tal-Aġenzija u l-Kumitati tagħha, inklużi l-RAC, l-SEAC, l-MSC, il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS), u l-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC). Għalhekk huma meħtieġa regoli ċari u effettivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.*** Jenħtieġ li ***l-individwi jinħatru f'Kumitati fejn jeżisti tħassib***

raġonevoli dwar kunflitti ta' interess.

Or. en

Emenda 109
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li l-istruttura tal-Aġenzija tkun adattata għall-kompiti tagħha u jenħtieġ li tqis l-esperjenza miksuba mill-funzjonament u l-prestazzjoni tal-Aġenzija sa mit-twaqqif tagħha. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun mgħammra biex twettaq il-kompiti tagħha b'kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi għoljin biex tiġi żgurata l-ogħla kwalità possibbli. Billi l-fiduċja fl-Aġenzija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri, il-pubbliku ġenerali u l-partijiet interessati hija vitali, jenħtieġ li din twettaq il-kompiti tagħha b'mod trasparenti u effiċjenti.	(11) Jenħtieġ li l-istruttura tal-Aġenzija tkun adattata għall-kompiti tagħha u jenħtieġ li tqis l-esperjenza miksuba mill-funzjonament u l-prestazzjoni tal-Aġenzija sa mit-twaqqif tagħha. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-Aġenzija tkun mgħammra biex twettaq il-kompiti tagħha b'kapaċitajiet xjentifiċi u tekniċi għoljin biex tiġi żgurata l-ogħla kwalità possibbli. Billi l-fiduċja fl-Aġenzija mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri, il-pubbliku ġenerali u l-partijiet interessati hija vitali, jenħtieġ li din twettaq il-kompiti tagħha b'mod trasparenti u effiċjenti ***billi tippreżenta l-attivitajiet tagħha u r-riżultati tagħhom b'mod komprensibbli u, meta jkun possibbli, kwantifikabbli u tikkomunikahom regolarment lill-pubbliku***.

Or. en

Emenda 110
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Fl-interess tal-effiċjenza, jenħtieġ li l-persunal tas-Segretarjat tal-Aġenzija jkun jista' jwettaq kompiti tekniċi u	(12) Fl-interess tal-effiċjenza, jenħtieġ li l-persunal tas-Segretarjat tal-Aġenzija jkun jista' jwettaq kompiti tekniċi u

amministrattivi b'appoġġ ***għall-RAC, l-SEAC, l-MSC, il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur ("SCCS")[10], il-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali ("BPC") (kollettivament, il-"Kumitati"),*** u l-Forum.

amministrattivi b'appoġġ ***għall-Kumitati*** u l-Forum***, filwaqt li jippreżerva bis-sħiħ l-indipendenza tal-Kumitati u jżomm separazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet***.

---

[10] Il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1514 tas-7 ta' Awwissu 2015 dwar l-istabbiliment ta' Kumitati Xjentifiċi fil-qasam tas-saħħa pubblika, is-sikurezza tal-konsumatur u l-ambjent, ĠU L, 2024/1514, 31.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1514/oj.

Or. en

Emenda 111
Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija jiġi fdat bis-setgħat meħtieġa, b'mod partikolari biex jaħtar id-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-RAC u tal-SEAC u tal-Bord tal-Appell, u biex jadotta r-rapport annwali konsolidat tal-attività, id-dokument ta' programmazzjoni, il-baġit annwali, u r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jkunu rrappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija sabiex jeżerċitaw b'mod effettiv is-sorveljanza fuqu. Fl-interessi tat-trasparenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni taħtar partijiet interessati mingħajr drittijiet tal-vot fil-Bord tat-Tmexxija.	(13) Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija jiġi fdat bis-setgħat meħtieġa, b'mod partikolari biex jaħtar id-Direttur Eżekuttiv, il-membri tal-RAC u tal-SEAC u tal-Bord tal-Appell, u biex jadotta r-rapport annwali konsolidat tal-attività, id-dokument ta' programmazzjoni, il-baġit annwali, u r-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jkunu rrappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija sabiex jeżerċitaw b'mod effettiv is-sorveljanza fuqu. Fl-interessi tat-trasparenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni taħtar partijiet interessati mingħajr drittijiet tal-vot fil-Bord tat-Tmexxija***, li flimkien jirrappreżentaw firxa wiesgħa ta' interessi rilevanti***.

Or. en

Emenda 112
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Ir-rwol tal-Aġenzija bħala punt ta' referenza xjentifiku indipendenti jfisser li tista' tintalab opinjoni xjentifika mhux biss mill-Kummissjoni, iżda wkoll mill-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri. Sabiex jiġu żgurati l-ġestjoni u l-konsistenza tal-proċess ta' konsulenza xjentifika, l-Aġenzija jenħtieġ li tkun tista' tirrifjuta jew temenda talba li titlob ġustifikazzjoni għal dan u abbażi ta' kriterji predeterminati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija għandha titħalla tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi anke fuq talba tal-Parlament u tal-Istati Membri. Din id-dispożizzjoni tirrifletti l-mandat mogħti lill-EFSA fil-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel (ir-Regolament (KE) Nru 178/2002).

Emenda 113
Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-RAC ipprovda opinjonijiet xjentifiċi dwar l-evalwazzjonijiet tal-Limiti tal-Esponiment Okkupazzjonali ("OELs"), u aspetti oħrajn rilevanti għall-esponiment okkupazzjonali għal sustanzi kimiċi perikolużi bħal valuri ta' limitu bijoloġiċi għal sustanzi kimiċi perikolużi fil-kuntest tal- Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE[11]. L-Artikoli 16, 16a u 18a tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] u l-Artikoli 18c u	(16) L-RAC ipprovda opinjonijiet xjentifiċi dwar l-evalwazzjonijiet tal-Limiti tal-Esponiment Okkupazzjonali ("OELs"), u aspetti oħrajn rilevanti għall-esponiment okkupazzjonali għal sustanzi kimiċi perikolużi bħal valuri ta' limitu bijoloġiċi għal sustanzi kimiċi perikolużi fil-kuntest tal- Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE[11]. L-Artikoli 16, 16a u 18a tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] u l-Artikoli 18c u

22a tad-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] abbażi ta' ftehim ad hoc bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija fil-passat. Billi dan il-kompitu sar prattika tas-soltu u sabiex tiġi kkonsolidata dik il-prattika, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-RAC jenħtieġ li jipprovdi tali opinjonijiet fuq talba tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-RAC, fuq talba tal-Kummissjoni, jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

22a tad-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] abbażi ta' ftehim ad hoc bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija fil-passat. Billi dan il-kompitu sar prattika tas-soltu u sabiex tiġi kkonsolidata dik il-prattika, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-RAC jenħtieġ li jipprovdi tali opinjonijiet fuq talba tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-RAC, fuq talba tal-Kummissjoni, ***tal-Parlament Ewropew jew tal-Istati Membri,*** jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

---

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/24/oj).

[12] Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi reprotossiċi fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/37/oj).

[13] Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/148/oj).

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/24/oj).

[12] Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi reprotossiċi fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/37/oj).

[13] Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/148/oj).

Or. en

Emenda 114
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-RAC ipprovda opinjonijiet xjentifiċi dwar l-evalwazzjonijiet tal-Limiti tal-Esponiment Okkupazzjonali ("OELs"), u aspetti oħrajn rilevanti għall-esponiment okkupazzjonali għal sustanzi kimiċi perikolużi bħal valuri ta' limitu bijoloġiċi għal sustanzi kimiċi perikolużi fil-kuntest tal- Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE[11]. L-Artikoli 16, 16a u 18a tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] u l-Artikoli 18c u 22a tad-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] abbażi ta' ftehim ad hoc bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija fil-passat. Billi dan il-kompitu sar prattika tas-soltu u sabiex tiġi kkonsolidata dik il-prattika, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-RAC jenħtieġ li jipprovdi tali opinjonijiet fuq talba tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-RAC, fuq talba tal-Kummissjoni, jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi ***kimiċi***, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.	(16) L-RAC ipprovda opinjonijiet xjentifiċi dwar l-evalwazzjonijiet tal-Limiti tal-Esponiment Okkupazzjonali ("OELs"), u aspetti oħrajn rilevanti għall-esponiment okkupazzjonali għal sustanzi kimiċi perikolużi bħal valuri ta' limitu bijoloġiċi għal sustanzi kimiċi perikolużi fil-kuntest tal- Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE[11]. L-Artikoli 16, 16a u 18a tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] u l-Artikoli 18c u 22a tad-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13] abbażi ta' ftehim ad hoc bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija fil-passat. Billi dan il-kompitu sar prattika tas-soltu u sabiex tiġi kkonsolidata dik il-prattika, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-RAC jenħtieġ li jipprovdi tali opinjonijiet fuq talba tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-RAC, fuq talba tal-Kummissjoni, jipprovdi opinjonijiet xjentifiċi dwar il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/24/oj).

[12] Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April

[11] Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/1998/24/oj).

[12] Id-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April

2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi reprotossiċi fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/37/oj).

[13] Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/148/oj).

2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni, mutaġeni jew sustanzi reprotossiċi fuq il-post tax-xogħol (is-Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2004/37/oj).

[13] Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/148/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu tat-terminu "sustanzi" huwa rrakkomandat biex jinżamm l-allinjament mad-definizzjonijiet u t-terminoloġija stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH).

Emenda 115
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jadotta r-regoli ta' proċedura tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSC, tal-BPC u tal-SCCS, inklużi l-arranġamenti proċedurali għall-gruppi ta' ħidma tal-Kumitati. Sabiex il-Kummissjoni teżerċita s-sorveljanza tagħha, jenħtieġ li r-rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija japprovaw ir-regoli ta' proċedura, mingħajr ma jikkompromettu l-indipendenza tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.	(18) Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jadotta r-regoli ta' proċedura tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSC, tal-BPC u tal-SCCS, inklużi l-arranġamenti proċedurali għall-gruppi ta' ħidma tal-Kumitati. Sabiex il-Kummissjoni teżerċita s-sorveljanza tagħha, jenħtieġ li r-rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija japprovaw ir-regoli ta' proċedura, mingħajr ma jikkompromettu l-indipendenza tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom***, u jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tagħhom***.

Or. en

Emenda 116
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jadotta r-regoli ta' proċedura tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSC, tal-BPC u tal-SCCS, inklużi l-arranġamenti proċedurali għall-gruppi ta' ħidma ***tal-Kumitati***. Sabiex il-Kummissjoni teżerċita s-sorveljanza tagħha, jenħtieġ li r-rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija ***japprovaw*** ir-regoli ta' proċedura, mingħajr ma jikkompromettu l-indipendenza tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.	(18) Jenħtieġ li l-Bord tat-Tmexxija jadotta r-regoli ta' proċedura tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSC, tal-BPC u tal-SCCS, inklużi l-arranġamenti proċedurali ***għall-Kumitati u*** għall-gruppi ta' ħidma. Sabiex il-Kummissjoni teżerċita s-sorveljanza tagħha, jenħtieġ li r-rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija ***jiġu kkonsultati dwar*** ir-regoli ta' proċedura, mingħajr ma jikkompromettu l-indipendenza tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.

Or. en

Emenda 117
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 18a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) Ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitati jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess.

Or. en

Emenda 118
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-opinjonijiet tal-RAC u tal-SEAC ikunu bbażati fuq l-usa' għarfien espert xjentifiku u tekniku possibbli disponibbli fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li kull Stat Membru jinnomina ***żewġ membri*** għall-RAC u għall-SEAC, rispettivament, u jenħtieġ li jkun intitolat li jinnomina sa ***żewġ*** membri addizzjonali. Jenħtieġ li l-RAC, l-SEAC, il-BPC u l-SCCS ikollhom il-possibbiltà li jikkooptjaw il-membri u li jiddependu fuq is-servizzi tal-esperti, filwaqt li jqisu l-ammont ta' xogħol, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji.	(19) Jenħtieġ li l-opinjonijiet tal-RAC u tal-SEAC ikunu bbażati fuq l-usa' għarfien espert xjentifiku u tekniku possibbli disponibbli fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li kull Stat Membru jinnomina ***membru*** għall-RAC u għall-SEAC, rispettivament, u jenħtieġ li jkun intitolat li jinnomina sa ***tliet*** membri addizzjonali. ***L-Istati Membri huma mħeġġa jinnominaw aktar minn kandidat wieħed. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jkunu jistgħu jinnominaw persuni ta' kwalunkwe nazzjonalità bħala membri tal-RAC u tal-SEAC. Ma hemm l-ebda rekwiżit ta' nazzjonalità, jew impjieg bħala uffiċjal pubbliku. Il-persuni nominati jenħtieġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sħubija fl-RAC u fl-SEAC. Fuq talba minn Stat Membru, l-Aġenzija jenħtieġ li tiffaċilita s-sejba ta' kandidati adattati għall-RAC u għall-SEAC. Jekk l-Aġenzija tqis li dan ikun xieraq, tista' tistabbilixxi lista ta' kandidati kwalifikati li jistgħu jiġu nnominati mill-Istati Membri għall-RAC u għall-SEAC***. Jenħtieġ li l-RAC, l-SEAC, il-BPC u l-SCCS ikollhom il-possibbiltà li jikkooptjaw il-membri u li jiddependu fuq is-servizzi tal-esperti, filwaqt li jqisu l-ammont ta' xogħol, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji.

Or. en

Emenda 119
Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-opinjonijiet tal-RAC u tal-SEAC ikunu bbażati fuq l-usa' għarfien espert xjentifiku u tekniku possibbli disponibbli fl-Unjoni. Għal dan il-għan,	(19) Jenħtieġ li l-opinjonijiet tal-RAC u tal-SEAC ikunu bbażati fuq l-usa' għarfien espert xjentifiku u tekniku possibbli disponibbli fl-Unjoni. Għal dan il-għan,

jenħtieġ li kull Stat Membru jinnomina żewġ membri għall-RAC u għall-SEAC, rispettivament, u jenħtieġ li jkun intitolat li jinnomina sa żewġ membri addizzjonali. Jenħtieġ li l-RAC, l-SEAC, il-BPC u l-SCCS ikollhom il-possibbiltà li jikkooptjaw il-membri u li jiddependu fuq is-servizzi tal-esperti, filwaqt li jqisu l-ammont ta' xogħol, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji.	jenħtieġ li kull Stat Membru jinnomina żewġ membri għall-RAC u għall-SEAC, rispettivament, u jenħtieġ li jkun intitolat li jinnomina sa żewġ membri addizzjonali. Jenħtieġ li l-RAC, l-SEAC, il-BPC u l-SCCS ikollhom il-possibbiltà li jikkooptjaw il-membri u li jiddependu fuq is-servizzi tal-esperti, filwaqt li jqisu l-ammont ta' xogħol, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji. ***Il-kompożizzjoni tal-Kumitat jenħtieġ li tkun allinjata mal-għarfien u l-ħiliet meħtieġa biex ir-responsabbiltajiet tal-Aġenzija jitwettqu b'mod effettiv.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

As the Basic Regulation assigns the Committee for Risk Assessment (RAC) a role in establishing occupational exposure limits, it is crucial to involve Member States and relevant scientific bodies at an early and meaningful stage of the EU decision-making process. Levels of protection against chemical and hazardous substance exposure differ across groups, including workers, vulnerable populations, the general public, and the environment. Risk management should therefore be based on exposure-specific assessments rather than uniform approaches that overlook real-world conditions. Drawing on national expertise and scientific evidence in the limit-setting process is essential to ensure that occupational exposure limits achieve effective protection while remaining practically achievable.

Emenda 120
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Jenħtieġ li l-opinjonijiet tal-RAC u tal-SEAC ikunu bbażati fuq l-usa' għarfien espert xjentifiku u tekniku possibbli disponibbli fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li kull Stat Membru jinnomina żewġ membri għall-RAC u għall-SEAC, rispettivament, u jenħtieġ li jkun intitolat li jinnomina sa żewġ membri addizzjonali. Jenħtieġ li l-RAC, l-SEAC, il-BPC u l-SCCS ikollhom il-possibbiltà li jikkooptjaw il-membri u li jiddependu fuq	(19) Jenħtieġ li l-opinjonijiet tal-RAC u tal-SEAC ikunu bbażati fuq l-usa' għarfien espert xjentifiku u tekniku possibbli disponibbli fl-Unjoni. Għal dan il-għan, jenħtieġ li kull Stat Membru jinnomina żewġ membri għall-RAC u għall-SEAC, rispettivament***, li jkollhom l-għarfien espert u l-esperjenza meħtieġa***, u jenħtieġ li jkun intitolat li jinnomina sa żewġ membri addizzjonali. Jenħtieġ li l-RAC, l-SEAC, il-BPC u l-SCCS ikollhom il-

is-servizzi tal-esperti, filwaqt li jqisu l-ammont ta' xogħol, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji.	possibbiltà li jikkooptjaw il-membri u li jiddependu fuq is-servizzi tal-esperti, filwaqt li jqisu l-ammont ta' xogħol, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ***, il-bilanċ ġeografiku*** u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji.

Or. en

Emenda 121
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Meta Stat Membru ma jagħmilx in-nomini meħtieġa għall-RAC u għall-SEAC f'perjodu ta' sena, il-Parlament Ewropew jenħtieġ li jaħtar, abbażi ta' għarfien espert xjentifiku u tekniku ppruvat, il-membri meħtieġa biex jimlew il-pożizzjonijiet vakanti f'isem dak l-Istat Membru. Tali ħatriet jenħtieġ li jsiru b'mod trasparenti, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-bilanċ ġeografiku u l-evitar ta' kunflitti ta' interess.

Or. en

Emenda 122
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Jenħtieġ li jitwaqqaf Bord ta' Rieżami fil-Aġenzija biex jiggarantixxi l-ipproċessar ta' oġġezzjonijiet dwar opinjonijiet xjentifiċi u tekniċi għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika affettwata minn opinjonijiet meħuda mill-Aġenzija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żieda ta' mandat għal Bord ta' Rieżami kif deskritt fil-proposta għal Artikolu 25a ġdid.

Emenda 123
Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Ammont ta' xogħol addizzjonali li jirriżulta minn żieda fil-kompiti u r-responsabbiltajiet allokati lill-Aġenzija jenħtieġ li jiġi akkumpanjat mill-allokazzjoni ta' finanzjament xieraq għall-persunal u kostijiet meħtieġa oħra. Bħala parti mill-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni, il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ li jwettaq valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi finanzjarji u umani tiegħu biex iwettaq il-kompiti attwali u futuri tiegħu fl-oqsma tal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija, filwaqt li jiżgura li l-prijoritajiet tal-Unjoni jiġu appoġġati b'mod effettiv bl-għarfien espert u l-kapaċità xierqa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura li l-prijoritajiet tal-Unjoni ma jkunux biss aspirazzjonali, iżda jiġu inkorporati b'mod attiv fl-ipprogrammar ewlieni u fl-ippjanar tal-kapaċità tal-Aġenzija.

Emenda 124
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Sabiex jiġi pprevenut l-

istabbiliment ta' prijoritajiet negattivi u tinkiseb prestazzjoni soda tal-Aġenzija, l-ammont ta' xogħol addizzjonali li jirriżulta minn żieda fil-kompiti u r-responsabbiltajiet allokati lill-Aġenzija jenħtieġ li jkun akkumpanjat mill-allokazzjoni ta' finanzjament xieraq għall-persunal u nefqa meħtieġa oħra. Bħala parti mill-abbozz tad-dokument uniku ta' programmazzjoni, il-Bord tat-Tmexxija jenħtieġ li jwettaq valutazzjoni tal-adegwatezza tar-riżorsi finanzjarji u umani tiegħu biex iwettaq il-kompiti attwali u futuri tiegħu.

Or. en

Emenda 125
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-qafas finanzjarju u amministrattiv li fih topera l-Aġenzija huwa aktar kumpless minn dak għal aġenziji oħrajn tal-Unjoni[16], minħabba li l-Aġenzija hija parzjalment iffinanzjata minn tariffi għall-attivitajiet tagħha skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[17] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 u minħabba li bħalissa għandha tliet baġits separati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[18], kif ukoll skont ir-Regolamenti (UE) Nru 649/2012 u (UE) 2019/1021[19]. Sabiex jiġi ssimplifikat il-mudell ta' finanzjament tal-Aġenzija, jenħtieġ li r-rekwiżit għal baġits segregati stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012, ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 u r-Regolament (UE) 2019/1021 jitneħħa, billi jitħassru d-dispożizzjonijiet rilevanti f'dawk ir-Regolamenti, sabiex b'hekk l-Aġenzija tirċievi kontribuzzjoni	(24) Il-qafas finanzjarju u amministrattiv li fih topera l-Aġenzija huwa aktar kumpless minn dak għal aġenziji oħrajn tal-Unjoni[16], minħabba li l-Aġenzija hija parzjalment iffinanzjata minn tariffi għall-attivitajiet tagħha skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[17] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 u minħabba li bħalissa għandha tliet baġits separati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[18], kif ukoll skont ir-Regolamenti (UE) Nru 649/2012 u (UE) 2019/1021[19]. Sabiex jiġi ssimplifikat il-mudell ta' finanzjament tal-Aġenzija, jenħtieġ li r-rekwiżit għal baġits segregati stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012, ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 u r-Regolament (UE) 2019/1021 jitneħħa, billi jitħassru d-dispożizzjonijiet rilevanti f'dawk ir-Regolamenti, sabiex b'hekk l-Aġenzija tirċievi kontribuzzjoni

annwali unitarja waħda mill-baġit tal-Unjoni. Dan se jippermetti aktar flessibbiltà biex l-Aġenzija tindirizza l-varjazzjonijiet fl-ammont ta' xogħol u se jirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u għall-objettiv tas-CSS li tiżdied is-sostenibbiltà tal-mudell ta' finanzjament tal-Aġenzija. Jenħtieġ li t-tneħħija tas-segregazzjoni tal-baġits ma taffettwax l-obbligi eżistenti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi lill-Aġenzija.

annwali unitarja waħda mill-baġit tal-Unjoni. Dan se jippermetti aktar flessibbiltà biex l-Aġenzija tindirizza l-varjazzjonijiet fl-ammont ta' xogħol u se jirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u għall-objettiv tas-CSS li tiżdied is-sostenibbiltà tal-mudell ta' finanzjament tal-Aġenzija. Jenħtieġ li t-tneħħija tas-segregazzjoni tal-baġits ma taffettwax l-obbligi eżistenti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi lill-Aġenzija ***u jenħtieġ li ma twassalx għal nefqa addizzjonali mingħajr ġustifikazzjoni***. ***Minflok, japplika l-prinċipju tal-kosteffiċjenza, li skontu l-ogħla output possibbli jenħtieġ li jinkiseb bl-inqas użu possibbli tar-riżorsi, mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tar-riżultati.***

---

[16] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Il-futur tal-aġenziji tal-UE, il-potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni, Rapport Speċjali (2020), doi:10.2865/36103.

[17] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/649/oj).

[19] Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj).

[16] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Il-futur tal-aġenziji tal-UE, il-potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni, Rapport Speċjali (2020), doi:10.2865/36103.

[17] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/649/oj).

[19] Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj).

Or. en

Emenda 126
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Il-qafas finanzjarju u amministrattiv li fih topera l-Aġenzija huwa aktar kumpless minn dak għal aġenziji oħrajn tal-Unjoni[16], minħabba li l-Aġenzija hija parzjalment iffinanzjata minn tariffi għall-attivitajiet tagħha skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[17] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 u minħabba li bħalissa għandha tliet baġits separati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[18], kif ukoll skont ir-Regolamenti (UE) Nru 649/2012 u (UE) 2019/1021[19]. Sabiex jiġi ssimplifikat il-mudell ta' finanzjament tal-Aġenzija, jenħtieġ li r-rekwiżit għal baġits segregati stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012, ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 u r-Regolament (UE) 2019/1021 jitneħħa, billi jitħassru d-dispożizzjonijiet rilevanti f'dawk ir-Regolamenti, sabiex b'hekk l-Aġenzija tirċievi kontribuzzjoni annwali unitarja waħda mill-baġit tal-Unjoni. Dan se jippermetti aktar flessibbiltà biex l-Aġenzija tindirizza l-varjazzjonijiet fl-ammont ta' xogħol u se jirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u għall-objettiv tas-CSS li tiżdied is-sostenibbiltà tal-mudell ta' finanzjament tal-Aġenzija. Jenħtieġ li t-tneħħija tas-segregazzjoni tal-baġits ma taffettwax l-obbligi eżistenti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi lill-Aġenzija.	(24) Il-qafas finanzjarju u amministrattiv li fih topera l-Aġenzija huwa aktar kumpless minn dak għal aġenziji oħrajn tal-Unjoni[16], minħabba li l-Aġenzija hija parzjalment iffinanzjata minn tariffi għall-attivitajiet tagħha skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008[17] u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 u minħabba li bħalissa għandha tliet baġits separati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012[18], kif ukoll skont ir-Regolamenti (UE) Nru 649/2012 u (UE) 2019/1021[19]. Sabiex jiġi ssimplifikat il-mudell ta' finanzjament tal-Aġenzija, jenħtieġ li r-rekwiżit għal baġits segregati stabbilit skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012, ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 u r-Regolament (UE) 2019/1021 jitneħħa, billi jitħassru d-dispożizzjonijiet rilevanti f'dawk ir-Regolamenti, sabiex b'hekk l-Aġenzija tirċievi kontribuzzjoni annwali unitarja waħda mill-baġit tal-Unjoni. Dan se jippermetti aktar flessibbiltà biex l-Aġenzija tindirizza l-varjazzjonijiet fl-ammont ta' xogħol u se jirrispondi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u għall-objettiv tas-CSS li tiżdied is-sostenibbiltà tal-mudell ta' finanzjament tal-Aġenzija. ***Għall-finijiet tal-iżgurar tat-trasparenza, jenħtieġ li l-Aġenzija twettaq monitoraġġ ibbażat fuq l-attività tad-dhul derivat minn tariffi u imposti.*** Jenħtieġ li t-tneħħija tas-segregazzjoni tal-baġits ma taffettwax l-obbligi eżistenti tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi lill-Aġenzija.
[16] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Il-futur	[16] Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, Il-futur

tal-aġenziji tal-UE, il-potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni, Rapport Speċjali (2020), doi:10.2865/36103.

[17] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluży (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/649/oj).

[19] Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj).

tal-aġenziji tal-UE, il-potenzjal għal aktar flessibbiltà u kooperazzjoni, Rapport Speċjali (2020), doi:10.2865/36103.

[17] Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj).

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluży (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/649/oj).

[19] Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj).

Or. en

Emenda 127
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) L-Aġenzija esperjenzat diffikultajiet biex tipprevedi b'mod akkurat l-introjtu mit-tariffi u mill-imposti anke bl-aktar tekniki statistiċi avvanzati minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-fatturi ewlenin tad-domanda mid-detenturi tad-doveri. Dan iħalli impatt fuq l-operazzjonijiet tal-Aġenzija u jeħtieġ emendi rikorrenti għall-baġit mill-Bord tat-Tmexxija. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija titħalla toħloq riżerva mill-bilanċ pożittiv tad-dħul tagħha mit-tariffi u mill-imposti,	(25) L-Aġenzija esperjenzat diffikultajiet biex tipprevedi b'mod akkurat l-introjtu mit-tariffi u mill-imposti anke bl-aktar tekniki statistiċi avvanzati minħabba n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-fatturi ewlenin tad-domanda mid-detenturi tad-doveri***. L-Aġenzija timpenja ruħha li ttejjeb kontinwament il-metodi ta' tbassir tagħha***. Dan iħalli impatt fuq l-operazzjonijiet tal-Aġenzija u jeħtieġ emendi rikorrenti għall-baġit mill-Bord tat-Tmexxija. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija

soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan se jippermetti lill-Aġenzija ttaffi l-konsegwenzi ta' varjazzjoni kbira fl-introjtu mit-tariffi u mill-imposti. B'mod speċifiku, il-ħolqien ta' tali riżerva se jippermetti lill-Aġenzija żżid is-sostenibbiltà tal-mudell ta' finanzjament tagħha mingħajr preġudizzju għall-kontribuzzjoni annwali tal-Unjoni u għall-programmazzjoni finanzjarja pluriennali. Jenħtieġ li r-regoli dettaljati dwar il-parametri, il-kalkolu u l-operat tar-riżerva jiġu stabbiliti fir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija u jenħtieġ li jinkludu r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-kalkolu tal-ammont tal-kontribuzzjoni annwali għar-riżerva jew tal-ammont magħmul disponibbli mir-riżerva, li għandu jiġi inkluż fl-abbozz tal-baġit tal-Aġenzija, jenħtieġ li jsegwi metodoloġija applikata b'mod mekkaniku mill-Aġenzija kull sena.

titħalla toħloq riżerva mill-bilanċ pożittiv tad-dħul tagħha mit-tariffi u mill-imposti, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan se jippermetti lill-Aġenzija ttaffi l-konsegwenzi ta' varjazzjoni kbira fl-introjtu mit-tariffi u mill-imposti. B'mod speċifiku, il-ħolqien ta' tali riżerva se jippermetti lill-Aġenzija żżid is-sostenibbiltà tal-mudell ta' finanzjament tagħha mingħajr preġudizzju għall-kontribuzzjoni annwali tal-Unjoni u għall-programmazzjoni finanzjarja pluriennali. Jenħtieġ li r-regoli dettaljati dwar il-parametri, il-kalkolu u l-operat tar-riżerva jiġu stabbiliti fir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija u jenħtieġ li jinkludu r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Il-kalkolu tal-ammont tal-kontribuzzjoni annwali għar-riżerva jew tal-ammont magħmul disponibbli mir-riżerva, li għandu jiġi inkluż fl-abbozz tal-baġit tal-Aġenzija, jenħtieġ li jsegwi metodoloġija applikata b'mod mekkaniku mill-Aġenzija kull sena. ***Filwaqt li l-istabbiliment ta' baġit ta' riżerva għall-Aġenzija huwa meħtieġ minħabba l-istruttura ta' finanzjament unika tagħha, dan ma jistabbilix preċedent għal aġenziji oħra tal-UE.***

Or. en

Emenda 128
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar sustanzi kimiċi li jistgħu jkunu esposti għalihom, sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-użu minnhom ta' sustanzi kimiċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tipprovdi lill-pubbliku b'informazzjoni adegwata dwar	(28) Jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar sustanzi kimiċi ***u taħlitiet*** li jistgħu jkunu esposti għalihom, sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar l-użu minnhom ta' sustanzi kimiċi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Aġenzija tipprovdi lill-pubbliku b'informazzjoni adegwata ***u***

il-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi.	***aċċessibbli*** dwar il-perikli, ir-riskji u l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi ***u tat-taħlitiet tagħhom***.

Or. en

Emenda 129
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, korpi governattivi u mhux governattivi oħrajn u korpi tekniċi rilevanti minn ġewwa u barra l-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha, b'mod partikolari biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u biex jiġi żgurat l-aċċess għad-data u l-għodod kollha meħtieġa sabiex tilħaq l-objettivi tagħha. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, biex tiżgura l-koerenza u l-effiċjenza tal-valutazzjonijiet relatati mas-sustanzi kimiċi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, f'konformità mal-approċċ ta' "Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda". Minħabba li l-każijiet tal-passat ta' opinjonijiet diverġenti wasslu għal inċertezza akbar għall-operaturi, kif ukoll għal tnaqqis fil-fiduċja tal-pubbliku fir-robustezza xjentifika u l-koerenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet xjentifiċi, jenħtieġ li jissaħħu l-proċeduri għar-riżoluzzjoni tad-diverġenzi bejn l-opinjonijiet xjentifiċi bejn l-aġenziji tal-Unjoni.	(30) Jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, korpi governattivi u mhux governattivi oħrajn u korpi tekniċi rilevanti minn ġewwa u barra l-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha, b'mod partikolari biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u biex jiġi żgurat l-aċċess għad-data u l-għodod kollha meħtieġa sabiex tilħaq l-objettivi tagħha. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera ***mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri,*** maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, biex tiżgura l-koerenza u l-effiċjenza tal-valutazzjonijiet relatati mas-sustanzi kimiċi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, f'konformità mal-approċċ ta' "Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda". Minħabba li l-każijiet tal-passat ta' opinjonijiet diverġenti wasslu għal inċertezza akbar għall-operaturi, kif ukoll għal tnaqqis fil-fiduċja tal-pubbliku fir-robustezza xjentifika u l-koerenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet xjentifiċi, jenħtieġ li jissaħħu l-proċeduri għar-riżoluzzjoni tad-diverġenzi bejn l-opinjonijiet xjentifiċi bejn l-aġenziji tal-

Unjoni.

Or. en

Emenda 130
Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, korpi governattivi u mhux governattivi oħrajn u korpi tekniċi rilevanti minn ġewwa u barra l-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha, b'mod partikolari biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u biex jiġi żgurat l-aċċess għad-data u l-għodod kollha meħtieġa sabiex tilħaq l-objettivi tagħha. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, biex tiżgura l-koerenza u l-effiċjenza tal-valutazzjonijiet relatati mas-sustanzi kimiċi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, f'konformità mal-approċċ ta' "Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda". Minħabba li l-każijiet tal-passat ta' opinjonijiet diverġenti wasslu għal inċertezza akbar għall-operaturi, kif ukoll għal tnaqqis fil-fiduċja tal-pubbliku fir-robustezza xjentifika u l-koerenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet xjentifiċi, jenħtieġ li jissaħħu l-proċeduri għar-riżoluzzjoni tad-diverġenzi bejn l-opinjonijiet xjentifiċi bejn l-aġenziji tal-Unjoni.	(30) Jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera mill-qrib ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti***, trade unions***, korpi governattivi u mhux governattivi oħrajn u korpi tekniċi rilevanti minn ġewwa u barra l-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-kompiti tagħha, b'mod partikolari biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol u biex jiġi żgurat l-aċċess għad-data u l-għodod kollha meħtieġa sabiex tilħaq l-objettivi tagħha. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Aġenzija tikkoopera maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, biex tiżgura l-koerenza u l-effiċjenza tal-valutazzjonijiet relatati mas-sustanzi kimiċi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, f'konformità mal-approċċ ta' "Sustanza Waħda, Valutazzjoni Waħda". Minħabba li l-każijiet tal-passat ta' opinjonijiet diverġenti wasslu għal inċertezza akbar għall-operaturi, kif ukoll għal tnaqqis fil-fiduċja tal-pubbliku fir-robustezza xjentifika u l-koerenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet xjentifiċi, jenħtieġ li jissaħħu l-proċeduri għar-riżoluzzjoni tad-diverġenzi bejn l-opinjonijiet xjentifiċi bejn l-aġenziji tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 131
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni ***tal-aktar*** sustanzi kimiċi dannużi u fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, b'mod partikolari approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.	(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni ***ta'*** sustanzi kimiċi ***u ta' gruppi ta' sustanzi kimiċi*** dannużi u fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, b'mod partikolari approċċi li ma jinvolvux l-annimali ***u metodoloġiji emerġenti***, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi ***u tal-gruppi ta' sustanzi kimiċi***, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom. ***B'mod partikolari, l-Aġenzija jenħtieġ li tassisti u tikkontribwixxi għar-riċerka dwar ir-rabtiet bejn l-esponiment għal sustanzi kimiċi perikolużi u l-impatti negattivi fuq is-saħħa fil-qasam tal-espożomija, il-kumpilazzjoni integrata tal-fatturi fiżiċi, kimiċi, bijoloġiċi u psikosoċjali kollha u l-interazzjonijiet tagħhom, li għandhom impatt fuq il-bijoloġija u s-saħħa.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni ma għandhiex tiġi promossa biss għas-sustanzi kimiċi dannużi kollha, iżda wkoll għal gruppi ta' sustanzi kimiċi dannużi. Ir-referenza għal gruppi ta' sustanzi kimiċi hija wkoll allinjament mal-formulazzjoni fir-Regolament il-ġdid dwar Pjattaforma komuni tad-data li tirreferi għal sustanzi kimiċi u gruppi ta' sustanzi kimiċi. Allinjament mal-formulazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni fl-Artikolu 14(5)(2)(a)(v), li tirreferi wkoll għal metodoloġiji emerġenti.

Emenda 132
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni ***tal-aktar*** sustanzi kimiċi dannużi u fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, ***b'mod partikolari*** approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.	(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni ***ta'*** sustanzi kimiċi dannużi ***u tat-taħlitiet tagħhom, tissimplifika l-proċess u tipprevjeni s-sostituzzjoni mhux mixtieqa billi tagħmel użu minn approċċ ta' grupp,*** u fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.

Or. en

Emenda 133
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ewa Kopacz, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni ***tal-aktar sustanzi*** kimiċi ***dannużi*** u fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, b'mod partikolari approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.	(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni ***ta' dawk is-sustanzi*** kimiċi ***li jkun intwera li jikkawżaw dannu fil-kuntest ta' użi u applikazzjonijiet speċifiċi*** u fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, b'mod partikolari approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.

Or. en

Emenda 134
Per Clausen

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi u fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, b'mod partikolari approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.	(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi u ***ta' sustanzi kimiċi oħra, u ta' gruppi tagħhom,*** fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi, b'mod partikolari approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li tiġi permessa r-regolamentazzjoni ta' gruppi ta' sustanzi kimiċi, peress li dan jiżgura li s-sustanzi kimiċi bi proprjetajiet simili ma jkunux jistgħu sempliċement jintużaw bħala alternattivi. Dan jagħmel ir-regolamentazzjoni aktar effettiva.

Emenda 135
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ***fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi u*** fl-iżvilupp ta' metodi xjentifiċi***, b'mod partikolari approċċi li ma jinvolvux l-annimali,*** biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.	(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ***fl-iżvilupp*** ta' metodi xjentifiċi biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom***, inklużi l-impatti soċjoekonomiċi tas-sostituzzjoni potenzjali tagħhom***.

Or. en

Emenda 136
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi u fl-iżvilupp ta' ***metodi xjentifiċi, b'mod partikolari*** approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.	(31) Jenħtieġ li l-Aġenzija tkompli taqdi rwol attiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi u fl-iżvilupp ***u l-prijoritizzazzjoni*** ta' approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex tivvaluta l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tagħhom.

Or. en

Emenda 137
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Sabiex jiġi żgurat li l-Aġenzija tilħaq l-objettivi tagħha b'mod effiċjenti u effettiv u li jkollha l-mezzi meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni tal-ħidma tal-Aġenzija fuq bażi regolari u l-mandat tagħha jiġi adattat kif xieraq, jekk ikun meħtieġ.	(32) Sabiex jiġi żgurat li l-Aġenzija tilħaq l-objettivi tagħha b'mod effiċjenti u effettiv u li jkollha l-mezzi meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ***tal-kwalità u l-effettività*** tal-ħidma tal-Aġenzija fuq bażi regolari ***li tinkludi, meta jkun possibbli, kriterji li jistgħu jitkejlu u kwantifikabbli rigward l-attivitajiet u r-riżultati tal-Aġenzija*** u l-mandat tagħha jiġi adattat kif xieraq, jekk ikun meħtieġ.

Or. en

Emenda 138
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) ***L-objettivi ta'*** dan ir-Regolament, ***jiġifieri l-governanza effettiva u sostenibbli tal-Aġenzija, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni.*** L-Unjoni ***tista'*** tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,	(37) ***Jekk l-Istati Membri jidentifikaw inkompatibbiltajiet mal-prinċipju tas-sussidjarjetà meta japplikaw*** dan ir-Regolament, l-Unjoni ***jenħtieġ li*** tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi,

Or. en

Emenda 139
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji ***u*** l-użu sikur ta' sustanzi, taħlitiet u oġġetti kimiċi, tipprovdi opinjonijiet u pariri xjentifiċi u informazzjoni indipendenti dwar il-kwistjonijiet kollha f'dak il-qasam u tikkomunika dwar dawk il-kwistjonijiet.	1. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji***,*** l-użu sikur***, u s-sostenibbiltà ambjentali*** ta' sustanzi, taħlitiet u oġġetti kimiċi, tipprovdi opinjonijiet u pariri xjentifiċi u informazzjoni indipendenti dwar il-kwistjonijiet kollha f'dak il-qasam***, timmonitorja riskji kimiċi emerġenti u tiġġenera data dwar is-sustanzi kimiċi,*** u tikkomunika dwar dawk il-kwistjonijiet.

Or. en

Emenda 140
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji ***u*** l-użu sikur ta' sustanzi, taħlitiet u oġġetti kimiċi, tipprovdi opinjonijiet u pariri xjentifiċi u informazzjoni indipendenti dwar il-kwistjonijiet kollha f'dak il-qasam u tikkomunika dwar dawk il-kwistjonijiet.	1. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji***,*** l-użu sikur***, u s-sostenibbiltà ambjentali*** ta' sustanzi, taħlitiet u oġġetti kimiċi, tipprovdi opinjonijiet u pariri xjentifiċi u informazzjoni indipendenti dwar il-kwistjonijiet kollha f'dak il-qasam***, timmonitorja riskji kimiċi emerġenti u tiġġenera data dwar is-sustanzi kimiċi,*** u tikkomunika dwar dawk il-kwistjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'segwitu għall-punt tar-rapporteur dwar l-allinjament mal-pakkett "OSOA", l-Artikolu 13 tal-Pjattaforma Komuni tad-Data dwar is-Sustanzi Kimiċi.

Emenda 141
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur ta' sustanzi, taħlitiet u oġġetti ***kimiċi***, tipprovdi opinjonijiet u pariri xjentifiċi ***u*** informazzjoni indipendenti dwar il-kwistjonijiet ***kollha*** f'dak il-qasam u	1. L-Aġenzija għandha***, fi ħdan il-mandat tagħha,*** tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur ta' sustanzi, taħlitiet u oġġetti***. Din għandha***, tipprovdi opinjonijiet u pariri xjentifiċi***, kif ukoll*** informazzjoni indipendenti***,*** dwar il-kwistjonijiet f'dak il-qasam u tikkomunika

tikkomunika dwar dawk il-kwistjonijiet.

dwar dawk il-kwistjonijiet.

Or. en

Emenda 142
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikkontribwixxi ***għal*** livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, ***għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' sustanzi fis-suq intern u għall-koerenza*** u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ***ssaħħaħ il-kompetittività*** u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[26] u tippromwovi ***alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali***.	2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikkontribwixxi ***għall-iżgurar ta'*** livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, ***inkluża l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli. L-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tipprovdi l-kwalità, il-koerenza*** u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni ***li huma kruċjali biex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni libera tas-sustanzi fis-suq intern,*** filwaqt li ***tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività*** u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[26] u tippromwovi ***s-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi dannużi u gruppi ta' sustanzi kimiċi dannużi*** ***u l-iżvilupp u l-użu ta' approċċi li ma jinvolvux l-annimali u metodoloġiji emerġenti***.
[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)	[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-formulazzjoni fil-proposta tal-Kummissjoni fl-Artikolu 14(5)(2)(a)(v), li tirreferi wkoll għal metodoloġiji emerġenti. L-objettivi tal-Aġenzija għandhom jinkludu wkoll il-promozzjoni ta' sustanzi kimiċi dannużi u l-gruppi tagħhom.

Emenda 143
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ewa Kopacz, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikkontribwixxi ***għal*** livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, ***għaċ-ċirkolazzjoni*** libera ta' sustanzi fis-suq intern ***u għall-koerenza u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni***, filwaqt li ***ssaħħaħ il-kompetittività*** u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[26] u tippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.	2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikkontribwixxi ***għall-iżgurar ta'*** livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, ***inkluża l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli. L-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tipprovdi l-kwalità, il-koerenza u l-konsistenza fil-valutazzjoni tal-perikli u tar-riskji ta' użi u applikazzjonijiet speċifiċi tas-sustanzi kimiċi, u fil-ġestjoni tar-riskju madwar l-Unjoni li hija kruċjali biex tiżgura ċ-ċirkolazzjoni*** libera ta' sustanzi fis-suq intern, filwaqt li ***tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività*** u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju u tippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.

[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jiżdied il-prinċipju ewlieni ta' "teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ir-riskju".

Emenda 144
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, ***għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' sustanzi fis-suq intern u għall-koerenza*** u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ***ssaħħaħ il-kompetittività*** u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[26] u tippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.	2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, ***inkluża l-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli.***
	L-Aġenzija għandha tipprovdi l-kwalità, il-koerenza u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, ***li huwa essenzjali għaċ-ċirkolazzjoni libera tas-sustanzi fis-suq intern,*** filwaqt li ***tissalvagwardja u tkompli ttejjeb l-istandards tas-saħħa okkupazzjonali, tikkontribwixxi għall-kompetittività*** u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[26] u tippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali***, tiffaċilita l-użu ta' approċċi li ma jinvolvux l-annimali, kif ukoll toħloq alternattivi għas-sustanzi kimiċi l-aktar***

dannużi u sustanzi kimiċi perikoluż oħra.

[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)

[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li tinħoloq alternattiva għal sustanzi kimiċi perikolużi. Dan se jikkontribwixxi aktar għall-innovazzjoni u għall-għanijiet fl-istrateġija CSS. Din l-emenda żżomm lill-ECHA responsabbli għat-tmexxija tat-tranżizzjoni lejn ittestjar mhux fuq l-annimali.

Emenda 145
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija ***għandu jkollha l-għan li*** tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, ***għaċ-ċirkolazzjoni*** libera ta' sustanzi fis-suq intern u ***għall-koerenza*** u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[26] ***u*** tippromwovi alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali.	2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija ***għandha*** tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent***, filwaqt li tagħti attenzjoni lill-gruppi vulnerabbli***, ***liċ-ċirkolazzjoni*** libera ta' sustanzi fis-suq intern u ***l-koerenza*** u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[26]***,*** tippromwovi ***u tapprofondixxi l-għarfien espert u l-kooperazzjoni dwar*** alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali ***u s-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi dannużi u l-gruppi tagħhom***.

[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)

[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)

Or. en

Emenda 146
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' sustanzi fis-suq intern u għall-koerenza u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[26] u tippromwovi ***alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali***.	2. Fit-twettiq tal-objettivi tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' sustanzi fis-suq intern u għall-koerenza u l-konsistenza fil-valutazzjoni u l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi madwar l-Unjoni, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività u l-innovazzjoni, billi tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs") kif definiti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju[26] u tippromwovi ***l-iżvilupp, l-aċċettazzjoni regolatorja, u l-użu ta' approċċi li ma jinvolvux l-annimali***.

[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)

[26] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2003/361/oj)

Or. en

Emenda 147
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti ġenerali li ġejjin:	5. ***F'konformità mal-prinċipji minquxa fl-Artikolu 191 tat-TFUE,*** l-Aġenzija għandu jkollha l-kompiti ġenerali li ġejjin:

Or. en

Emenda 148
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt b
Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) COM(2025)386
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tipprovdi appoġġ tekniku u xjentifiku, gwida, għodod tal-IT u infrastruttura diġitali għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs u ***l-għan*** li l-ittestjar fuq l-annimali jiġi sostitwit ***b'alternattivi***, fejn dan ikun xjentifikament possibbli;	(b) tipprovdi appoġġ tekniku u xjentifiku, gwida, għodod tal-IT u infrastruttura diġitali għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni, filwaqt li tqis ***l-objettivi li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ambjent, l-istandards tas-saħħa okkupazzjonali,*** il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs u ***r-rekwiżit*** li l-ittestjar fuq l-annimali jiġi sostitwit ***b'approċċi li ma jinvolvux l-annimali***, fejn dan ikun xjentifikament possibbli;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sostituzzjoni tal-ittestjar fuq l-annimali b'approċċi li ma jinvolvux l-annimali mhijiex biss għan ta' politika, iżda rekwiżit legali obbligatorju skont id-dritt tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament REACH u d-Direttiva 2010/63/UE.

Emenda 149
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tipprovdi appoġġ tekniku u xjentifiku, gwida, għodod tal-IT u infrastruttura diġitali għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs u ***l-għan*** li l-ittestjar fuq l-annimali jiġi sostitwit ***b'alternattivi, fejn dan ikun xjentifikament possibbli;***	(b) tipprovdi appoġġ tekniku u xjentifiku, gwida, għodod tal-IT u infrastruttura diġitali għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs u ***r-rekwiżit*** li l-ittestjar fuq l-annimali jiġi sostitwit ***b'approċċi xierqa li ma jinvolvux l-annimali.***

Or. en

Emenda 150
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) meta l-Aġenzija tippjana jew tħejji restrizzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar sustanzi, taħlitiet jew oġġetti, il-Kumitati għandhom, bħala parti mill-ħidma ta' tħejjija, iħejju, iwettqu, jissottomettu u jippubblikaw valutazzjoni tal-impatt komprensiva. Meta l-Parlament Ewropew jitlob dan, il-Kumitati għandhom jagħmlu dan bħala kwistjoni ta' prijorità u fi żmien xieraq biex jippermettu valutazzjoni sinifikattiva tan-neċessità, tal-proporzjonalità u tal-impatti tar-restrizzjoni proposta skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u data affidabbli u għandha tivvaluta, b'mod proporzjonat, l-implikazzjonijiet xjentifiċi, ekonomiċi, soċjali, ambjentali u ġeopolitiċi ta' dik ir-

restrizzjoni proposta, inkluži l-effetti u l-impatti kumulattivi u transsettorjali fuq l-innovazzjoni, il-ktajjen tal-provvista globali u tal-Unjoni, id-disponibbiltà, il-flussi kummerċjali, id-diverġenza regolatorja, id-dipendenzi strateġiċi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. Sabiex jappoġġaw il-prospettiva strateġika u jiżguraw it-tħejjija f'waqtha ta' restrizzjonijiet potenzjali skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-Kumitati jistgħu, fi ħdan il-mandat tagħhom, iwettqu wkoll tali valutazzjonijiet tal-impatt fuq inizjattiva proprja fejn l-iżviluppi emerġenti x'aktarx isiru rilevanti għal azzjoni regolatorja futura.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssaħħaħ il-kapaċità analitika tal-Aġenzija billi tippermettilha tivvaluta l-impatti usa' tar-restrizzjonijiet skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), inkluži l-effetti soċjoekonomiċi, tal-katina tal-provvista u strateġiċi. Dan jappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni bbażat fuq l-evidenza u proporzjonat, isaħħaħ il-koerenza regolatorja fil-qafas tar-Regolament REACH, u jikkontribwixxi għar-reżiljenza, il-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, mingħajr ma jaffettwa l-proċeduri xjentifiċi ta' valutazzjoni tar-riskju stabbiliti skont ir-Regolament REACH jew skont leġiżlazzjoni settorjali oħra tal-Unjoni.

Emenda 151
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fuq talba mill-Kummissjoni, tipprovdi assistenza xjentifika u teknika fi kwalunkwe qasam fil-kompetenza tagħha, fil-forma ta' ħidma xjentifika jew teknika li tinvolvi l-applikazzjoni ta' prinċipji xjentifiċi jew tekniċi stabbiliti sewwa li ma jeħtiġux evalwazzjoni xjentifika mill-Kumitati jew mill-gruppi ta' ħidma ta' dawk il-kumitati;	(e) fuq talba mill-Kummissjoni, tipprovdi***, fi ħdan il-mandat u l-ambitu tal-għarfien espert tagħha,*** assistenza xjentifika u teknika fi kwalunkwe qasam fil-kompetenza tagħha, fil-forma ta' ħidma xjentifika jew teknika li tinvolvi l-applikazzjoni ta' prinċipji xjentifiċi jew tekniċi stabbiliti sewwa li ma jeħtiġux evalwazzjoni xjentifika mill-Kumitati jew mill-gruppi ta' ħidma ta' dawk il-kumitati;

Or. en

Emenda 152
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) tinvolvi ruħha mal-partijiet ikkonċernati rilevanti ***kif xieraq fi*** kwistjonijiet ***li jaqgħu taħt il-kompetenzi*** tagħha;	(h) tinvolvi ruħha***, kif xieraq,*** mal-partijiet ikkonċernati rilevanti ***dwar*** kwistjonijiet ***fil-kompetenzi*** tagħha ***u fi proċessi rilevanti, inklużi proċessi li jappoġġaw il-valutazzjoni ta' sustanzi mhux awtorizzati mil-leġiżlazzjoni***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minbarra r-responsabbiltajiet tagħha awtorizzati legalment, l-ECHA twettaq attivitajiet li mhumiex stabbiliti b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni tal-UE iżda li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' kompiti definiti legalment. L-ECHA għandha tiżgura li l-partijiet ikkonċernati jiġu kkonsultati bħala parti minn kwalunkwe proċess informali ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Emenda 153
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) tinvolvi ruħha ma' kumpaniji affettwati minn kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenzi tagħha f'kuntatti diretti fuq talba tal-kumpanija kkonċernata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kumpaniji għandhom obbligi differenti skont il-leġiżlazzjoni tal-UE u każijiet speċifiċi għandhom imnejn ikunu pjuttost kumplessi. Għalhekk, jeħtieġu għażla ta' djalogu dirett (orali) mal-persunal tal-ECHA biex tappoġġa l-fehim xieraq ta' obbligi speċifiċi relatati mal-

każ u tippermettilhom jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet infurmati dwar il-kontenut tas-sottomissjonijiet. Dan huwa rilevanti għall-elaborazzjoni tad-dossiers u ta' sottomissjonijiet oħra kif ukoll għall-abbozzar ta' kummenti għall-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-ECHA, kontributi għall-konsultazzjonijiet u affarijiet simili.

Emenda 154
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) tikkollabora ma' aġenziji oħrajn tal-Unjoni ***u ma' awtoritajiet nazzjonali*** kif xieraq għat-twettiq tal-kompiti tagħha, f'konformità mal-Artikoli 40 u 44;	(i) tikkollabora ma' ***awtoritajiet nazzjonali u*** aġenziji oħrajn tal-Unjoni kif xieraq għat-twettiq tal-kompiti tagħha, f'konformità mal-Artikoli 40 u 44;

Or. en

Emenda 155
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) fuq talba mill-Parlament Ewropew u l-Istati Membri, tipprovdi opinjonijiet xjentifiċi u assistenza teknika f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza tagħha

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija għandha sservi bħala punt ta' referenza indipendenti fl-istituzzjonijiet tal-UE u tikkontribwixxi għal proċess demokratiku ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza fil-qasam tas-sustanzi kimiċi.

Emenda 156
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) fuq talba mill-Parlament Ewropew jew minn Stat Membru, tipprovdi opinjoni xjentifika dwar kwistjoni li taqa' fil-missjoni tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkopja l-possibbiltà prevista fil-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel lill-EFSA. Emenda addizzjonali tippermetti lill-Aġenzija tirrifjuta t-talba, jekk it-talba ma tkunx sostanzjata jew taqa' barra mir-responsabbiltajiet tal-Aġenzija.

Emenda 157
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt kb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(kb) tippromwovi għarfien espert f'approċċi li ma jinvolvux l-annimal u metodoloġiji emerġenti

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-promozzjoni ta' approċċi li ma jinvolvux l-annimali għandha tkun importanti għall-Aġenzija, u l-Aġenzija għandha taġixxi bħala punt ċentrali għall-għarfien emerġenti fil-qasam tal-ittestjar mhux fuq l-annimali.

Emenda 158
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt kb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(kc) takkumpanja kwalunkwe rifjut li jiġi aċċettat metodu ta' ttestjar mhux fuq l-annimali b'ġustifikazzjoni motivata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li kwalunkwe studju li jinvolvi l-annimali, li jiġi kkummissjonat, ikun iġġustifikat b'mod trasparenti.

Emenda 159
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt kc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(kd) tiżgura li l-persunal u l-membri tal-kumitat jingħataw taħriġ annwali f'metodi li ma jinvolvux l-annimali.

Or. en

Emenda 160
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt kd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ke) tiżgura li r-reġistranti jkollhom aċċess għal forum biex jiddiskutu approċċi potenzjali għal metodi li ma jinvolvux l-annimali u biex jiksbu kjarifika bikrija tar-rekwiżiti regolatorji

Or. en

Ġustifikazzjoni

Se tiżgura li l-ittestjar fuq l-annimali jkun l-aħħar għażla.

Emenda 161
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 7 ((ġdid))

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornat reġistru li jkun fih informazzjoni dwar it-talbiet kollha riċevuti skont il-punti (c), (d), (e), (k) u (ka) ta' dan il-paragrafu. Ir-reġistru għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija. Is-sit web għandu jindika wkoll il-progress miksub fir-rigward ta' kull talba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan se jiżgura t-trasparenza għas-soċjetà ċivili bħall-pubbliku, ix-xjenzati u l-NGOs. Barra minn hekk, dan se jiżgura wkoll is-simplifikazzjoni billi jgħin biex jiġu evitati talbiet simili u l-ammont ta' xogħol addizzjonali.

Emenda 162
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi u żżomm reġistru tat-talbiet li tirċievi fuq is-sit web tagħha. L-Aġenzija għandha ddaħħal fir-reġistru kwalunkwe talba li tirċievi skont il-punti (c), (d), (e), (k), u (ka) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 13(2), il-punt (b) fi żmien 3 ġimgħat minn meta tirċeviha. Ir-reġistru għandu jindika l-istatus tal-ipproċessar ta' kull talba. Il-pubbliku għandu jkollu aċċess mingħajr ħlas u mhux ristrett għar-reġistru fuq is-sit web tal-Aġenzija.

Or. en

(Marbuta parzjalment mal-emenda mir-rapporteur li tintroduċi Artikolu 13(2b) ġdid.)

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi żgurata t-trasparenza tal-ħidma tal-Aġenzija, reġistru tat-talbiet kollha li tirċievi skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Artikolu kif ukoll tat-talbiet mill-Parlament Ewropew jew mill-Istati Membri. Dan jgħin ukoll biex jiġu evitati talbiet doppji.

Emenda 163
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ewa Kopacz, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju ("RAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' opinjonijiet tal-Aġenzija relatati mar-riskji ta' sustanzi kimiċi għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;	(c) Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju ("RAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' opinjonijiet tal-Aġenzija relatati mar-riskji ***u l-perikli*** ta' sustanzi kimiċi għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent***, b'livell suffiċjenti ta' speċifiċità dwar l-użi u l-applikazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi sabiex jippermetti l-klassifikazzjoni tal-miżuri ta' restrizzjoni għal dawk li jippreżentaw riskju reali***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mandat tal-RAC għandu jinkludi valutazzjonijiet tar-riskji lil hinn mill-perikli.

Emenda 164
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju ("RAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' opinjonijiet	(c) Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju ("RAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' opinjonijiet

tal-Aġenzija relatati mar-riskji ta' sustanzi kimiċi għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;	tal-Aġenzija relatati mar-riskji ***u l-perikli*** ta' sustanzi kimiċi għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent;

Or. en

Emenda 165
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika ("SEAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tal-opinjonijiet tal-Aġenzija relatati mal-impatt soċjoekonomiku ta' miżuri leġiżlattivi possibbli dwar is-sustanzi;	(d) Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika ("SEAC"), li għandu jkun responsabbli għat-tħejjija tal-opinjonijiet tal-Aġenzija relatati mal-impatt soċjoekonomiku ta' miżuri leġiżlattivi possibbli dwar is-sustanzi ***u t-taħlitiet tagħhom***;

Or. en

Emenda 166
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ewa Kopacz, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) Forum ta' partijiet ikkonċernati akkreditati, kif stabbilit fl-Artikolu 41a, li għandu l-għan li jistruttura u jsaħħaħ ir-relazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha u jippermetti lill-membri tiegħu jikkontribwixxu għall-kompiti tal-Aġenzija; meta tibda l-valutazzjonijiet tagħha, l-Aġenzija għandha tfittex il-kontribut u l-opinjoni tal-partijiet interessati permezz ta' sejħa pubblika għad-data, u b'mod partikolari li titlob is-sottomissjoni ta' data speċifika għall-użu/applikazzjoni sabiex tippermetti

valutazzjonijiet tar-riskju bi grad għoli ta' speċifiċità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ikun tajjeb li jiġu stabbiliti aspettattivi dwar l-involviment sistematiku tal-partijiet interessati kollha fir-rieżami tal-perikli u l-valutazzjonijiet tar-riskju tal-Aġenzija.

Emenda 167
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) Bord ta' Evalwazzjoni, li għandu jiddeċiedi dwar oġġezzjonijiet (talbiet għal rieżami) kontra opinjonijiet jew deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija, inklużi l-Kumitati tagħha, fejn ma jkun stabbilit l-ebda dritt ta' appell fil-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Żieda ta' mandati għal Bord ta' Rieżami u Forum ta' Sidien tad-Data kif deskritt fil-proposti għall-Artikolu 25a ġdid.

Emenda 168
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) żewġ ***esperti*** maħtura mill-Parlament Ewropew.	(c) żewġ ***persuni indipendenti*** maħtura mill-Parlament Ewropew.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH).

Emenda 169
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) żewġ ***esperti*** maħtura mill-Parlament Ewropew.	(c) żewġ ***persuni*** maħtura mill-Parlament Ewropew.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-punt (b).

Emenda 170
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u ***l-esperti*** maħtura mill-Parlament Ewropew għandu jkollhom drittijiet tal-vot. Il-persuni li jirrappreżentaw il-partijiet interessati, maħtura mill-Kummissjoni, ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot.	2. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u ***l-persuni indipendenti*** maħtura mill-Parlament Ewropew għandu jkollhom drittijiet tal-vot. Il-persuni li jirrappreżentaw il-partijiet interessati, maħtura mill-Kummissjoni, ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH).

Emenda 171

Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u ***l-esperti*** maħtura mill-Parlament Ewropew għandu jkollhom drittijiet tal-vot. Il-persuni li jirrappreżentaw il-partijiet interessati, maħtura mill-Kummissjoni, ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot.	2. Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u ***l-persuni*** indipendenti maħtura mill-Parlament Ewropew għandu jkollhom drittijiet tal-vot. Il-persuni li jirrappreżentaw il-partijiet interessati, maħtura mill-Kummissjoni, ma għandux ikollhom drittijiet tal-vot.

Or. en

Emenda 172
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) is-sostituzzjoni tal-ittestjar fuq l-annimali

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa loġiku u xieraq li jiġi inkluż għarfien espert fl-ittestjar mhux fuq l-annimali fil-Bord tat-Tmexxija, peress li wieħed mill-objettivi tal-Aġenzija huwa li tippromwovi l-ittestjar mhux fuq l-annimali.

Emenda 173
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) is-sostituzzjoni tal-ittestjar fuq l-

annimali

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi għarfien espert intern dwar approċċi li ma jinvolvux l-annimali. Din iż-żieda tirrifletti l-importanza dejjem tikber tad-diskussjoni esperta dwar metodoloġiji li ma jinvolvux l-annimali, f'konformità mal-mandat ewlieni tal-ECHA u l-objettivi tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, kif ukoll il-Pjan ta' Azzjoni għas-Sustanzi Kimiċi ppubblikat f'Lulju 2025. Hija konsistenti wkoll mar-rekwiżiti għal tali għarfien espert fil-kumitati xjentifiċi, inkluż l-SCCS.

Emenda 174
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali

Or. en

Ġustifikazzjoni

Peress li l-ECHA se tistabbilixxi limiti ta' esponiment okkupazzjonali, il-Bord tat-Tmexxija għandu jinkludi għarfien espert xjentifiku rilevanti. Għalhekk, is-sikurezza okkupazzjonali għandha tiżdied mal-gruppi tal-partijiet ikkonċernati fl-Artikolu 6(3).

Emenda 175
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien u l-esperjenza rilevanti tagħhom fil-qasam tas-sikurezza kimika jew tar-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti.	4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien u l-esperjenza rilevanti tagħhom fil-qasam tas-sikurezza kimika jew tar-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. Il-

F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, il-partijiet kollha li jinnominaw u jaħtru l-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollhom l-għan li jiksbu bilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija. Il-membri, il-membri supplenti u l-osservaturi tal-Kumitati u l-Forum jew il-gruppi ta' ħidma tagħhom ma għandhomx ikunu eliġibbli biex isiru membri tal-Bord tat-Tmexxija.

membri, il-membri supplenti u l-osservaturi tal-Kumitati u l-Forum jew il-gruppi ta' ħidma tagħhom ma għandhomx ikunu eliġibbli biex isiru membri tal-Bord tat-Tmexxija.

Or. en

Emenda 176
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien u l-esperjenza rilevanti tagħhom fil-qasam tas-sikurezza kimika jew tar-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn ***l-irġiel u n-nisa***, il-partijiet kollha li jinnominaw u jaħtru l-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollhom l-għan li jiksbu bilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija. Il-membri, il-membri supplenti u l-osservaturi tal-Kumitati u l-Forum jew il-gruppi ta' ħidma tagħhom ma għandhomx ikunu eliġibbli biex isiru membri tal-Bord tat-Tmexxija.	4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien u l-esperjenza rilevanti tagħhom fil-qasam tas-sikurezza kimika jew tar-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li jitqiesu l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji rilevanti. F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn ***il-ġeneri kollha***, il-partijiet kollha li jinnominaw u jaħtru l-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollhom l-għan li jiksbu bilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija. Il-membri, il-membri supplenti u l-osservaturi tal-Kumitati u l-Forum jew il-gruppi ta' ħidma tagħhom ma għandhomx ikunu eliġibbli biex isiru membri tal-Bord tat-Tmexxija.

Or. en

Emenda 177
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien u l-esperjenza rilevanti tagħhom fil-qasam tas-sikurezza kimika jew tar-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li ***jitqiesu*** l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji ***rilevanti***. F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, il-partijiet kollha li jinnominaw u jaħtru l-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollhom l-għan li jiksbu bilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija. Il-membri, il-membri supplenti u l-osservaturi tal-Kumitati u l-Forum jew il-gruppi ta' ħidma tagħhom ma għandhomx ikunu eliġibbli biex isiru membri tal-Bord tat-Tmexxija.	4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jinħatru abbażi tal-għarfien u l-esperjenza rilevanti tagħhom fil-qasam tas-sikurezza kimika jew tar-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi, filwaqt li ***jiġu kkunsidrati*** l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji ***tagħhom***. F'konformità mal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa, il-partijiet kollha li jinnominaw u jaħtru l-membri tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkollhom l-għan li jiksbu bilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord tat-Tmexxija. Il-membri, il-membri supplenti u l-osservaturi tal-Kumitati u l-Forum jew il-gruppi ta' ħidma tagħhom ma għandhomx ikunu eliġibbli biex isiru membri tal-Bord tat-Tmexxija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Bord tat-Tmexxija huwa l-korp ta' tmexxija tal-Aġenzija. Għandu rwol superviżorju b'responsabbiltà ġenerali għal kwistjonijiet baġitarji u ta' ppjanar, għalhekk il-ħiliet maniġerjali għandhom ikunu aspett importanti fil-proċedura tal-għażla tal-membri tiegħu.

Emenda 178
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-partijiet kollha li jinnominaw u jaħtru membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom joqogħdu lura milli jinnominaw jew jaħtru kwalunkwe persuna bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija meta, abbażi ta' analiżi, f'konformità mal-politika dwar il-kunflitt ta' interess adottata mill-Bord tat-Tmexxija skont l-Artikolu 9(1), il-punt (e) ta' dan ir-Regolament, ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen

li jeżisti kunflitt ta' interess jew li jista' jirriżulta dan fir-rigward ta' dik il-persuna.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiċċara l-implimentazzjoni tal-politika li tipprevjeni l-kunflitt ta' interess.

Emenda 179
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-partijiet kollha li jinnominaw u jaħtru membri tal-Bord tat-Tmexxija għandhom joqogħdu lura milli jinnominaw jew jaħtru kwalunkwe persuna bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija meta, abbażi ta' valutazzjoni, ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li jeżisti kunflitt ta' interess jew li jista' jirriżulta dan fir-rigward ta' dik il-persuna. Dawn il-partijiet għandhom jinkludu l-kriterji tal-Aġenzija fir-rigward tal-kunflitti ta' interess fil-valutazzjoni tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġu evitati kunflitti ta' interess għall-Membri tal-Bord tat-Tmexxija. L-istess regoli għandhom japplikaw għall-partijiet kollha. Għandha ssir referenza espliċita għall-kriterji żviluppati mill-Aġenzija għal tali valutazzjoni.

Emenda 180
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) jiżviluppa, bi qbil mal-Kummissjoni, kuntatti xierqa bejn l-Aġenzija u l-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati rilevanti;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tissimplifika t-test, peress li l-kompitu jidher li huwa kopert mill-Artikolu 9.1, il-punt (g).

Emenda 181
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) jadotta, bi qbil mal-Kummissjoni, regoli ta' implimentazzjoni xierqa biex jingħata effett lill-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA);	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tikkoreġi żball fl-abbozzar fil-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 182
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) jadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitati, u tal-Forum ***dwar il-proposta tal-Forum f'konformità mal-Artikolu 17(5)***;	(s) jadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitati, u tal-Forum;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda ma għandhiex l-intenzjoni li tbiddel il-kontenut. Hija purament editorjali, peress li l-Artikolu 17(5) jirreferi biss għar-regoli tal-Forum, mhux għall-Kumitati, li huma indirizzati bl-istess mod mill-punt propost (s).

Emenda 183
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt y

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(y) jadotta l-arranġamenti prattiċi għall-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28], inklużi l-appelli jew ir-rimedji meħtieġa għar-rieżami ta' rifjut parzjali jew sħiħ ta' talba għall-kunfidenzjalità;	(y) jadotta l-arranġamenti prattiċi għall-konformità mar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28], inklużi l-appelli jew ir-rimedji meħtieġa għar-rieżami ta' rifjut parzjali jew sħiħ ta' talba għall-kunfidenzjalità***. Dawk l-arranġamenti prattiċi għandhom jiżguraw aċċess kemm jista' jkun wiesa' għad-dokumenti fil-pussess tiegħu u jkunu konformi mar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]***;
	[1a] Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, pp. 13–19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1367/oj
[28] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).	[28] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

Or. en

Emenda 184
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jaġixxi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha tiegħu bi drittijiet tal-vot.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 185
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każ li l-Kummissjoni tqajjem tħassib serju dwar proposta għal deċiżjoni ppreżentata lill-Bord tat-Tmexxija dwar kwistjonijiet relatati mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715[29] dwar ir-Regolament finanzjarju qafas għall-aġenziji regolatorji deċentralizzati jew għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), il-Bord tat-Tmexxija għandu jipposponi l-adozzjoni tad-deċiżjoni. Fi żmien 15-il jum, il-Bord tat-Tmexxija għandu jerġa' jeżaminaha u jadottaha, possibbilment emendata, fit-tieni qari, jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi***, inklużi r-rappreżentanti tal-Kummissjoni,*** jew b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa tar-rappreżentanti tal-Istati Membri.	3. Fil-każ li l-Kummissjoni tqajjem tħassib serju dwar proposta għal deċiżjoni ppreżentata lill-Bord tat-Tmexxija dwar kwistjonijiet relatati mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715[29] dwar ir-Regolament finanzjarju qafas għall-aġenziji regolatorji deċentralizzati jew għar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tar-Regolament Nru 31 (KEE), 11 (KEEA), il-Bord tat-Tmexxija għandu jipposponi l-adozzjoni tad-deċiżjoni. Fi żmien 15-il jum, il-Bord tat-Tmexxija għandu jerġa' jeżaminaha u jadottaha, possibbilment emendata, fit-tieni qari, jew b'maġġoranza ta' żewġ terzi ***tal-membri kollha tiegħu bid-drittijiet tal-vot*** jew b'maġġoranza ta' erbgħa minn kull ħamsa tar-rappreżentanti tal-Istati Membri.
[29] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018	[29] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018

dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj).	dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tintroduċi veto mill-Kummissjoni, li jagħtiha s-setgħa meta mqabbla ma' rappreżentanti oħra fil-Bord tat-Tmexxija. It-tħassir tar-referenza speċifika jkun soluzzjoni aħjar biex jinkiseb eżitu bbilanċjat. Speċjalment, meta ma jkunx speċifikat x'jista' jikkostitwixxi raġuni għal oġġezzjoni għall-att.

Emenda 186
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara sejħa għall-espressjonijiet ta' interess ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u f'rivisti oħrajn jew fuq siti tal-Internet. Il-proċedura tal-għażla għandha tkun miftuħa u trasparenti ***u għandha tirrispetta l-prinċipji tat-trattament ugwali u tal-bilanċ bejn il-ġeneri***.	2. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' lista ta' kandidati proposta mill-Kummissjoni wara sejħa għall-espressjonijiet ta' interess ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u f'rivisti oħrajn jew fuq siti tal-Internet. Il-proċedura tal-għażla għandha tkun miftuħa u trasparenti.

Or. en

Emenda 187
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni u tal-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun indipendenti fit-twettiq ***ta' dmirijietu*** u la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet minn xi istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, u lanqas minn xi gvern jew minn xi korp pubbliku u privat ieħor. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill dwar it-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament meta jiġi mistieden jagħmel dan mill-istituzzjoni rispettiva.	3. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni u tal-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun indipendenti fit-twettiq ***tad-dmirijiet ta' Direttur Eżekuttiv*** u la għandu jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet minn xi istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, u lanqas minn xi gvern jew minn xi korp pubbliku u privat ieħor. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jirrapporta lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill dwar it-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament meta jiġi mistieden jagħmel dan mill-istituzzjoni rispettiva.

Or. en

Emenda 188
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) iħejji rapport annwali konsolidat tal-attività dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija u ***jippreżentah*** lill-Bord tat-Tmexxija għal valutazzjoni;	(q) iħejji rapport annwali konsolidat tal-attività dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija***, inkluż, meta jkun possibbli, kriterji li jistgħu jitkejlu relatati mal-attivitajiet u r-riżultati tal-Aġenzija*** u ***jippreżenta dan ir-rapport tal-attività*** lill-Bord tat-Tmexxija għal valutazzjoni;

Or. en

Emenda 189
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) iħejji l-abbozz proviżorju tal-istima tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija msemmi fl-Artikolu 28 u jimplimenta l-baġit tal-Aġenzija.	(s) iħejji l-abbozz proviżorju tal-istima tad-dħul u l-infiq tal-Aġenzija msemmi fl-Artikolu 28 u jimplimenta l-baġit tal-Aġenzija ***filwaqt li jqis il-prinċipju tal-kosteffettività, li skontu l-ogħla output possibbli għandu jinkiseb bl-inqas użu possibbli tar-riżorsi, mingħajr ma tiġi kompromessa l-kwalità tar-riżultati***.

Or. en

Emenda 190
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha tal-persunal li għalihom tkun ġiet iddelegata l-awtorità skont l-Artikolu 9(2). Fir-reklutaġġ tal-persunal tal-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv għandu ***jippromwovi d-diversità u l-inklużjoni u jimmira li jikseb bilanċ bejn il-ġeneri u*** rappreżentanza ġeografika wiesgħa.	6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-kwistjonijiet kollha tal-persunal li għalihom tkun ġiet iddelegata l-awtorità skont l-Artikolu 9(2). Fir-reklutaġġ tal-persunal tal-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv għandu ***jagħti prijorità lill-prinċipju tal-kompetenza u l-adegwatezza professjonali. Huwa biss fuq din il-bażi li fatturi oħra, bħal*** rappreżentanza ġeografika wiesgħa ***u kunsiderazzjonijiet simili, jistgħu jitqiesu fi stadju aktar tard***.

Or. en

Emenda 191
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun	6. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun

responsabbli għall-kwistjonijiet kollha tal-persunal li għalihom tkun ġiet iddelegata l-awtorità skont l-Artikolu 9(2). Fir-reklutaġġ tal-persunal tal-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv għandu ***jippromwovi d-diversità u l-inklużjoni u jimmira li jikseb bilanċ bejn il-ġeneri u*** rappreżentanza ġeografika wiesgħa.

responsabbli għall-kwistjonijiet kollha tal-persunal li għalihom tkun ġiet iddelegata l-awtorità skont l-Artikolu 9(2). Fir-reklutaġġ tal-persunal tal-Aġenzija, id-Direttur Eżekuttiv għandu ***jiżgura*** rappreżentanza ġeografika wiesgħa***, filwaqt li jiżgura li r-rappreżentanti mill-Istati Membri kollha jkollhom rwol fl-impenji tal-Aġenzija***.

Or. en

Emenda 192
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiżgura post tax-xogħol li jġib 'il quddiem is-saħħa mill-aspett psikoloġiku billi jqis kif xieraq il-miżuri ta' benefiċċju għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mad-Direttiva 89/391/KEE, id-Direttur Eżekuttiv, li huwa responsabbli għall-ġestjoni ta' kuljum tal-ECHA, f'kooperazzjoni ma' Maniġer(s) rilevanti ieħor/oħra, għandu jikkunsidra u jivvaluta modi kif itejjeb il-benesseri mentali tal-impjegati, jipprevjeni u jimmaniġġa r-riskji eventwali u jnaqqas il-livelli ta' stress, inkluż billi jħarreġ lill-maniġers, jagħti inkarigi ċari, jappoġġa interazzjonijiet sani, l-involviment jew jiem iddedikati għall-annimali tad-dar.

Emenda 193
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull kumitat tal-Aġenzija għandu	1. Kull kumitat tal-Aġenzija għandu

jwettaq il-kompiti assenjati lilu skont il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni.	jwettaq il-kompiti assenjati lilu skont il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni ***u abbażi ta' letteratura xjentifika indipendenti***.

Or. en

Emenda 194
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha li mhumiex diġà koperti mill-paragrafu 1 jew mill-paragrafu 2(a), relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur ta' sustanzi ***kimiċi***, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.	(b) il-kwistjonijiet l-oħrajn kollha li mhumiex diġà koperti mill-paragrafu 1 jew mill-paragrafu 2(a), relatati mal-perikli, ir-riskji u l-użu sikur ta' sustanzi, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti kif definiti fl-Artikolu 3, il-paragrafi 1, 2 u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-użu tat-terminu "sustanzi" huwa rrakkomandat biex jinżamm l-allinjament mad-definizzjonijiet u t-terminoloġija stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH).

Emenda 195
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Parlament Ewropew jew Stat Membru jista' jissottometti talba lill-Aġenzija biex toħroġ opinjoni xjentifika dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-missjoni tagħha. It-talba għandha tkun akkumpanjata minn informazzjoni ta' sfond li tispjega l-kwistjoni xjentifika li għandha tiġi indirizzata u l-interess tal-Unjoni.

L-Aġenzija tista' tirrifjuta jew tipproponi emendi għal talba għal opinjoni f'konsultazzjoni mal-istituzzjoni jew mal-Istat(i) Membru/i li għamel/għamlu t-talba. Il-ġustifikazzjonijiet għar-rifjut għandhom jingħataw lill-istituzzjoni jew lill-Istat(i) Membru/i li għamel/għamlu t-talba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Meta mqabbla mal-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel, li telenka raġunijiet possibbli ta' rifjut mill-Aġenzija, din l-emenda tipprovdi aktar flessibbiltà lill-Aġenzija, iżda żżomm il-kundizzjoni li tiġġustifikaha.

Emenda 196
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jinnomina ***żewġ kandidati*** għas-sħubija fl-RAC u jista' jinnomina sa ***żewġ*** kandidati addizzjonali.	Kull Stat Membru għandu jinnomina ***kandidat wieħed*** għas-sħubija fl-RAC u jista' jinnomina sa ***tliet*** kandidati addizzjonali.

Or. en

Emenda 197
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kull Stat Membru għandu jinnomina ***żewġ kandidati*** għas-sħubija fl-SEAC u jista' jinnomina sa ***żewġ*** kandidati addizzjonali.	Kull Stat Membru għandu jinnomina ***kandidat wieħed*** għas-sħubija fl-SEAC u jista' jinnomina sa ***tliet*** kandidati addizzjonali.

Or. en

Emenda 198
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fuq talba ta' Stat Membru, l-Aġenzija għandha tassisti lil dak l-Istat Membru fl-identifikazzjoni ta' kandidati possibbli għan-nomina minn dak l-Istat Membru skont il-paragrafi 1 u 2.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi Stati Membri jistgħu jeħtieġu gwida mill-Aġenzija rigward l-għażla tal-kandidat tagħhom, abbażi tal-għarfien espert partikolari meħtieġ.

Emenda 199
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kull Stat Membru għandu jaħtar membru wieħed għall-BPC u jista' jaħtar membru supplenti wieħed għall-BPC. Il-membri tal-BPC għandhom jinħatru abbażi tar-rwol u l-esperjenza tagħhom fit-twettiq tal-kompiti assenjati lill-BPC ***u jistgħu jaħdmu fi ħdan awtorità kompetenti***.	4. Kull Stat Membru għandu jaħtar membru wieħed għall-BPC u jista' jaħtar membru supplenti wieħed għall-BPC. Il-membri tal-BPC għandhom jinħatru abbażi tar-rwol u l-esperjenza tagħhom fit-twettiq tal-kompiti assenjati lill-BPC.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mhuwiex biss għall-BPC li r-rappreżentant jista' jaħdem f'awtorità kompetenti, għalhekk ma hemmx bżonn li jiġi individwat il-BPC.

Emenda 200

Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fuq talba ta' Stat Membru, l-Aġenzija għandha tassisti lil dak l-Istat Membru fl-identifikazzjoni ta' kandidati sodisfaċenti possibbli għan-nomina minn dak l-Istat Membru skont il-paragrafi 1, 2 u 3. Madankollu, l-obbligu li jiġi nnominat kandidat għandu jibqa' tal-Istati Membri.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li huwa tajjeb li jiġi previst li l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri fuq talba biex isibu kandidati tajbin għan-nomina, għandu jiġi ċċarat li r-responsabbiltà għan-nomina tibqa' tal-Istat Membru.

Emenda 201
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fuq talba ta' Stat Membru, l-Aġenzija għandha, f'konformità mal-Artikolu 16(4), tassisti fl-identifikazzjoni ta' kandidati b'għarfien espert rilevanti għan-nomina skont il-paragrafi 1 sa 4.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija maħsuba biex tappoġġa lill-Istati Membri li ltaqgħu ma' diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' kandidati kwalifikati kif xieraq, filwaqt li tillimita b'mod ċar ir-rwol tal-Aġenzija għall-identifikazzjoni tal-għarfien espert rilevanti u tippreżerva r-responsabbiltà esklużiva tal-Istat Membru għall-valutazzjoni u n-nomina.

Emenda 202
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-membri tal-SCCS għandhom jinħatru mill-Bord tat-Tmexxija minn lista ta' kandidati adattati***, stabbilita wara*** sejħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Aġenzija.	Il-membri tal-SCCS għandhom ***jintgħażlu u*** jinħatru mill-Bord tat-Tmexxija minn lista ta' kandidati adattati ***mfassla mid-Direttur Eżekuttiv. Il-lista għandha tinħoloq abbażi tal-applikazzjonijiet riċevuti għal*** sejħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Aġenzija ***u għandha tinkludi mill-inqas id-doppju tan-numru ta' kandidati meħtieġa biex jimtlew il-karigi fl-SCCS u l-għarfien espert tagħhom***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tiċċara l-proċess tal-ħatra u tal-għażla tal-membri tal-SCCS u tallinjah mal-proċedura tal-għażla u tal-ħatra stabbilita għall-membri tal-Bordijiet Xjentifiċi tal-EFSA u tal-Kumitat fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 dwar il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel.

Emenda 203
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) valutazzjoni tal-iskopertura ***u tar-riskju***;	(iv) valutazzjoni tal-esponiment;

Or. en

Emenda 204
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) metodi ta' ttestjar ***alternattivi***, u metodoloġiji emerġenti, inklużi metodoloġiji ġodda ta' approċċ u tekniki in vitro jew in silico;	(v) metodi ta' ttestjar ***mhux fuq l-annimali***, u metodoloġiji emerġenti, inklużi metodoloġiji ġodda ta' approċċ u tekniki in vitro jew in silico;

Or. en

Emenda 205
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) ***metodi ta' ttestjar alternattivi***, u metodoloġiji emerġenti, inklużi metodoloġiji ġodda ta' approċċ u tekniki in vitro jew in silico;	(v) ***approċċi li ma jinvolvux l-annimali***, u metodoloġiji emerġenti, inklużi metodoloġiji ġodda ta' approċċ u tekniki in vitro jew in silico;

Or. en

Emenda 206
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) metodi ***ta' ttestjar alternattivi***, u metodoloġiji emerġenti, inklużi metodoloġiji ġodda ta' approċċ u tekniki in vitro jew in silico;	(v) metodi ***li ma jinvolvux l-annimali***, u metodoloġiji emerġenti, inklużi metodoloġiji ġodda ta' approċċ u tekniki in vitro jew in silico;

Or. en

Emenda 207
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) valutazzjoni tas-sikurezza tan-nanomaterjali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-użu dejjem jikber tan-nanomaterjali fil-prodotti kożmetiċi u l-isfidi xjentifiċi speċifiċi li jippreżentaw, l-identifikazzjoni espliċita tal-kompetenza fl-evalwazzjoni tas-sikurezza tan-nanomaterjali bħala kriterju għas-sħubija fl-SCCS hija xierqa u tħares 'il quddiem.

Emenda 208
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) valutazzjoni tas-sikurezza tan-nanomaterjali

Or. en

Emenda 209
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a – punt via (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(via) valutazzjoni tan-nanomaterjali

Or. en

Emenda 210
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a – punt vib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(vib) grupp/raggruppament

Or. en

Emenda 211
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt a – punt vic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(vic) tossikoloġija komputazzjonali

Or. en

Emenda 212
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-indipendenza u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess**.**	(b) l-indipendenza u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess***, f'konformità mar-regoli adottati skont l-Artikolu 9(1), il-punt (e)***

Or. en

Emenda 213
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-SCCS għandu jikkonsisti f'massimu ta' 20 membru.	L-SCCS għandu jikkonsisti f'massimu ta' 20 membru. ***Id-Direttur Eżekuttiv jista' jipproponi lill-Bord tat-Tmexxija***

aġġustament tal-għadd ta' membri tal-SCCS, skont l-ammont ta' xogħol tiegħu.

Or. en

Emenda 214
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-SCCS għandu jikkonsisti f'massimu ta' 20 membru.	L-SCCS għandu jikkonsisti f'massimu ta' 20 membru ***u għandhom jiġu nnominati mill-inqas żewġ membri għal kull qasam ta' għarfien espert***.

Or. en

Emenda 215
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri ma għandhomx jinnominaw jew jaħtru, u l-Bord tat-Tmexxija ma għandux jaħtar, membri tal-kumitati u tal-Forum meta, fost l-oħrajn, abbażi ta' analiżi u regoli adottati skont l-Artikolu 9(1), il-punt (e), ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li jeżisti kunflitt ta' interess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Issegwi l-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill li jżid is-salvagwardja fuq kunflitt ta' interess suspettat jew magħruf.

Emenda 216
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri ma għandhomx jinnominaw jew jaħtru, u l-Bord tat-Tmexxija ma għandux jaħtar, membri tal-Kumitati meta, fost l-oħrajn, abbażi ta' analiżi, ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jemmen li jeżisti kunflitt ta' interess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test propost jipprovdi aktar ċarezza billi jindika b'mod ċar li kunflitt ta' interess għandu jiġi evitat permezz tad-determinazzjoni ta' jekk din il-ħatra ssirx mill-Istati Membri jew mill-Bord tat-Tmexxija tal-ECHA. Dan l-aħħar każ japplika għall-SCCS li għalih il-membri għandhom jinħatru mill-Bord tat-Tmexxija minn lista ta' kandidati xierqa, stabbilita wara sejħa għal espressjoni ta' interess imnedija mill-Aġenzija, kif indikat fl-Artikolu 14, il-paragrafu 5.

Emenda 217
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-ħatriet fil-Kumitati għandhom jiġu esklużi meta analiżi tidentifika raġunijiet raġonevoli għal kunflitt ta' interess, kemm jekk il-ħatra ssir mill-Istati Membri kif ukoll jekk issir mill-Bord tat-Tmexxija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċeduri għall-ħatra jridu jiżguraw in-nuqqas ta' kunflitti ta' interess, irrispettivament minn jekk il-membri humiex maħtura mill-Istati Membri jew maħtura mill-Bord tat-Tmexxija

tal-ECHA. Fil-każ tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur, il-Bord tat-Tmexxija jaħtar membri minn grupp ta' kandidati identifikati permezz ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess imnedija mill-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 14(5).

Emenda 218
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kumitati kollha għandu jkollhom firxa wiesgħa ta' għarfien espert rilevanti fost il-membri tagħhom. Il-Kumitati jistgħu jikkooptjaw membri addizzjonali magħżula abbażi tal-kompetenza speċifika tagħhom. L-għadd massimu ta' membri kooptjati għall-RAC, għall-SEAC u għall-SCCS għandu jiġi stabbilit u aġġustat mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, filwaqt li jitqiesu l-ammont ta' xogħol tal-kumitati, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji. L-MSC u l-BPC jistgħu jikkooptjaw massimu ta' ħames membri addizzjonali.	6. Il-Kumitati kollha għandu jkollhom firxa wiesgħa ta' għarfien espert rilevanti fost il-membri tagħhom***, inkluż għarfien dwar it-tossiċità fir-rigward tal-bniedem, il-valutazzjoni tas-sikurezza ambjentali, u l-approċċi li ma jinvolvux l-annimali***. Il-Kumitati jistgħu jikkooptjaw membri addizzjonali magħżula abbażi tal-kompetenza speċifika tagħhom. L-għadd massimu ta' membri kooptjati għall-RAC, għall-SEAC u għall-SCCS għandu jiġi stabbilit u aġġustat mill-Bord tat-Tmexxija abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, filwaqt li jitqiesu l-ammont ta' xogħol tal-kumitati, it-tip ta' għarfien espert meħtieġ u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji. L-MSC u l-BPC jistgħu jikkooptjaw massimu ta' ħames membri addizzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kumitati kollha għandhom jinkludu għarfien espert intern fil-valutazzjoni tas-sikurezza tal-bniedem u tal-ambjent, u approċċi li ma jinvolvux l-annimali, li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Artikolu 1 tar-Regolament REACH. Dan jiżgura li l-Kumitati jkunu jistgħu jappoġġaw b'mod effettiv il-kompiti u l-objettivi tal-Aġenzija.

Emenda 219
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu riżorsi xjentifiċi u tekniċi adegwati lil dawk il-membri tal-kumitati li jkunu nnominaw jew ħatru u għandhom jiffaċilitaw l-attivitajiet tal-kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.	9. L-Istati Membri għandhom jipprovdu riżorsi xjentifiċi u tekniċi adegwati lil dawk il-membri tal-kumitati li jkunu nnominaw jew ħatru ***u jippermettu l-parteċipazzjoni effettiva tagħhom*** u għandhom jiffaċilitaw l-attivitajiet tal-kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-laqgħat ibridi, huwa kruċjali li l-esperti kollha jkunu mgħammra kif xieraq biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

Emenda 220
Katri Kulmuni

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC u tal-SCCS għandhom ikunu indipendenti u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra. Il-membri tal-MSC u tal-BPC għandhom jaġixxu fl-interess pubbliku. Huma għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-dmirijiet tagħhom jew mat-twettiq tal-kompiti tagħhom.	10. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC u tal-SCCS għandhom ikunu indipendenti u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra. Il-membri tal-MSC u tal-BPC għandhom jaġixxu fl-interess pubbliku. Huma għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-dmirijiet tagħhom jew mat-twettiq tal-kompiti tagħhom. ***Il-linji gwida proċedurali tal-RAC jitfasslu mill-kumitat innifsu, u jistgħu jinkludu l-possibbiltà li d-deċiżjonijiet tal-gruppi ta' ħidma jitqiegħdu fuq l-aġenda tas-sessjoni ġenerali tal-kumitat għal votazzjoni, jekk ikun meħtieġ, biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-valutazzjoni tal-kwalità.***

Or. en

Emenda 221
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC u tal-SCCS għandhom ikunu indipendenti u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra. Il-membri tal-MSC u tal-BPC għandhom jaġixxu fl-interess pubbliku. Huma għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-dmirijiet tagħhom jew mat-twettiq tal-kompiti tagħhom.	10. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC u tal-SCCS għandhom ikunu indipendenti u la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew istituzzjoni, korp, uffiċċju jew entità oħra. ***Dawk*** il-membri ***u l-membri*** tal-MSC u tal-BPC għandhom jaġixxu fl-interess pubbliku. Huma għandhom joqogħdu lura minn kwalunkwe azzjoni li ma tkunx kompatibbli mad-dmirijiet tagħhom jew mat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

Or. en

Emenda 222
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSC u tal-BPC għandhom jinħatru għal terminu ta' 3 snin ***u l-membri tal-SCCS għal terminu ta' 5 snin***. Dawk it-termini jistgħu jiġġeddu.	11. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSC***, tal-SCCS*** u tal-BPC għandhom jinħatru għal terminu ta' 3 snin. Dawk it-termini jistgħu jiġġeddu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tallinja t-terminu tal-SCCS mal-kumitati l-oħra tal-ECHA, peress li l-proposta tipprevedi l-inklużjoni tal-korp fl-ECHA.

Emenda 223
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSC u tal-BPC għandhom jinħatru għal terminu ta' 3 snin ***u l-membri tal-SCCS għal terminu ta' 5 snin***. Dawk it-termini jistgħu jiġġeddu.	11. Il-membri tal-RAC, tal-SEAC, tal-MSC***, tal-SCCS*** u tal-BPC għandhom jinħatru għal terminu ta' 3 snin. Dawk it-termini jistgħu jiġġeddu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali fil-kumitati kollha, f'konformità mal-prinċipju ta' sustanza waħda, valutazzjoni waħda. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex il-membri tal-SCCS ikollhom termini itwal minn membri ta' kumitati oħra.

Emenda 224
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
15. Il-membru kkonċernat, jew l-impjegatur ta' dik il-persuna kif imsemmi fil-paragrafu ***13***, għandu jiġi remunerat mill-Aġenzija f'konformità mal-arranġamenti finanzjarji stabbiliti mill-Bord tat-Tmexxija wara opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni. Il-lista ta' kompiti li għalihom tista' titħallas ir-remunerazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-Bord tat-Tmexxija wara opinjoni pożittiva tal-Kummissjoni. Meta l-membru kkonċernat jonqos milli jwettaq xi wieħed minn dawk il-kompiti, id-Direttur Eżekuttiv jista' jżomm ir-remunerazzjoni.	15. Il-membru kkonċernat, jew l-impjegatur ta' dik il-persuna kif imsemmi fil-paragrafu ***14***, għandu jiġi remunerat mill-Aġenzija f'konformità mal-arranġamenti finanzjarji stabbiliti mill-Bord tat-Tmexxija wara opinjoni pożittiva mill-Kummissjoni. Il-lista ta' kompiti li għalihom tista' titħallas ir-remunerazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-Bord tat-Tmexxija wara opinjoni pożittiva tal-Kummissjoni. Meta l-membru kkonċernat jonqos milli jwettaq xi wieħed minn dawk il-kompiti, id-Direttur Eżekuttiv jista' jżomm ir-remunerazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni editorjali.

Emenda 225
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 14a
	Ħatra fin-nuqqas ta' nomini mill-Istati Membri
	Meta Stat Membru jonqos milli jinnomina l-membri jew il-membri supplenti meħtieġa skont dan ir-Regolament fi żmien sena mid-data li fiha kellha ssir in-nomina, il-Parlament Ewropew għandu jaħtar, f'isem dak l-Istat Membru, il-membri meħtieġa biex jimtlew il-pożizzjonijiet vakanti. Il-ħatriet li jsiru skont l-ewwel paragrafu għandhom ikunu bbażati fuq għarfien espert xjentifiku u tekniku pprovat rilevanti għall-kompiti tal-kumitat ikkonċernat u għandhom jitwettqu b'mod trasparenti, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-bilanċ ġeografiku u l-evitar ta' kunflitti ta' interess. Il-membri maħtura skont dan l-Artikolu għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-membri nnominati mill-Istati Membri u għandhom iservu għall-bqija tal-mandat applikabbli.

Or. en

Emenda 226
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-Direttur Eżekuttiv jew rappreżentant tad-Direttur Eżekuttiv, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni,	1. Id-Direttur Eżekuttiv jew rappreżentant tad-Direttur Eżekuttiv, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni,

għandhom ikunu intitolati li jattendu l-laqgħat kollha tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom bħala osservaturi. Il-partijiet ikkonċernati ***jistgħu wkoll*** jiġu mistiedna jattendu tali laqgħat bħala osservaturi f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-kumitat.	għandhom ikunu intitolati li jattendu l-laqgħat kollha tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom bħala osservaturi. Il-partijiet ikkonċernati ***għandhom ukoll*** jiġu mistiedna jattendu tali laqgħat bħala osservaturi f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-kumitat. ***Barra minn hekk, il-kumpaniji affettwati għandhom ikunu intitolati li jattendu laqgħa tal-Kumitat, jekk il-każ tagħhom jiġi indirizzat, sabiex jikkontribwixxu għal diskussjonijiet speċifiċi għall-każ.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtoritajiet iridu jittrattaw kwistjonijiet kumplessi fil-Kumitati tal-ECHA. Għalhekk, għandu jiġi żgurat li l-kumpaniji affettwati jiġu kkonsultati b'mod adegwat dwar il-fatti kollha rilevanti għad-deċiżjonijiet u/jew l-opinjonijiet tal-Kumitat, filwaqt li titqies id-dinamika tal-inkorporazzjoni tal-informazzjoni fil-ħidma tal-kumitat u r-riżultati tad-diskussjonijiet.

Emenda 227
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-Direttur Eżekuttiv jew rappreżentant tad-Direttur Eżekuttiv, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, għandhom ikunu intitolati li jattendu l-laqgħat kollha tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom bħala osservaturi. Il-partijiet ikkonċernati ***jistgħu wkoll*** jiġu mistiedna jattendu tali laqgħat bħala osservaturi f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-kumitat.	1. Id-Direttur Eżekuttiv jew rappreżentant tad-Direttur Eżekuttiv, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, għandhom ikunu intitolati li jattendu l-laqgħat kollha tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom bħala osservaturi. Il-partijiet ikkonċernati ***għandhom ukoll*** jiġu mistiedna jattendu tali laqgħat bħala osservaturi***, bid-dritt li jipprovdu kontribut bil-fomm u bil-miktub,*** f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-kumitat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament Bażiku tal-ECHA jrid jispeċifika l-oqsma li għandhom jiġu rregolati mir-Regoli ta' Proċedura, inklużi dispożizzjonijiet vinkolanti dwar il-parteċipazzjoni tal-partijiet

ikkonċernati fil-laqgħat tal-Kumitat. Meta Kumitat jeżamina każ li jaffettwa partijiet ikkonċernati identifikabbli, dawk il-partijiet ikkonċernati jeħtiġilhom jingħataw status ta' osservatur bid-dritt li jipprovdu kontribut orali u bil-miktub matul id-diskussjoni tal-każ tagħhom.

Emenda 228
Volker Schnurrbusch, Anja Arndt

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Id-Direttur Eżekuttiv jew rappreżentant tad-Direttur Eżekuttiv, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, għandhom ikunu intitolati li jattendu l-laqgħat kollha tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom bħala osservaturi. Il-partijiet ikkonċernati ***jistgħu*** wkoll ***jiġu*** mistiedna jattendu tali laqgħat bħala osservaturi f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-kumitat.	(1) Id-Direttur Eżekuttiv jew rappreżentant tad-Direttur Eżekuttiv, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, għandhom ikunu intitolati li jattendu l-laqgħat kollha tal-Kumitati u tal-gruppi ta' ħidma tagħhom bħala osservaturi. Il-partijiet ikkonċernati ***huma*** wkoll mistiedna jattendu tali laqgħat bħala osservaturi f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-kumitat.

Or. de

Emenda 229
Volker Schnurrbusch, Anja Arndt

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Meta jkunu qed iħejju opinjoni, il-kumitati għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jilħqu kunsens fost il-membri tagħhom. L-opinjoni għandha tinkludi r-raġunijiet għall-pożizzjoni tal-kumitat. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, l-opinjoni għandha tikkonsisti fil-pożizzjoni tal-maġġoranza tal-membri, il-pożizzjonijiet tal-minoranza u r-raġunijiet għall-pożizzjonijiet rispettivi tal-maġġoranza u tal-minoranza. L-opinjoni għandha tiġi ppubblikata.	(2) Meta jkunu qed iħejju opinjoni, il-kumitati għandhom jużaw l-aħjar sforzi tagħhom biex jilħqu kunsens fost il-membri tagħhom. L-opinjoni għandha tinkludi r-raġunijiet għall-pożizzjoni tal-kumitat. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, l-opinjoni għandha tikkonsisti fil-pożizzjoni tal-maġġoranza tal-membri, il-pożizzjonijiet tal-minoranza u r-raġunijiet għall-pożizzjonijiet rispettivi tal-maġġoranza u tal-minoranza. L-opinjoni ***sħiħa*** għandha tiġi ppubblikata.

Or. de

Emenda 230
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Is-Segretarjat għandu jipprovdi appoġġ xjentifiku u amministrattiv għall-ħidma teknika u xjentifika tal-Kumitati.	3. Is-Segretarjat għandu jipprovdi appoġġ xjentifiku u amministrattiv għall-ħidma teknika u xjentifika tal-Kumitati ***u l-Forum***.

Or. en

Emenda 231
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kull kumitat għandu jabbozza proposta għar-regoli ta' proċedura tiegħu stess, li għandha titħejja għall-adozzjoni mid-Direttur Eżekuttiv u mbagħad tiġi adottata mill-Bord tat-Tmexxija. ***Ir-regoli*** ta' proċedura tal-RAC ***u*** tal-SEAC ***għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni tar-rappreżentanti*** tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija.	4. Kull kumitat għandu jabbozza proposta għar-regoli ta' proċedura tiegħu stess, li għandha titħejja għall-adozzjoni mid-Direttur Eżekuttiv u mbagħad tiġi adottata mill-Bord tat-Tmexxija. ***Għar-regoli*** ta' proċedura tal-RAC***,*** tal-SEAC ***u tal-SCCS, id-Direttur Eżekuttiv għandu jikkonsulta r-rappreżentanti*** tal-Kummissjoni fil-Bord tat-Tmexxija***, meta jħejji dawk ir-regoli għall-adozzjoni mill-Bord tat-Tmexxija***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-RAC, l-SEAC u l-SCCS huma mfassla biex jipprovdu pariri xjentifiċi u soċjoekonomiċi indipendenti. Hemm riskju li l-ħtieġa ta' approvazzjoni mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni, kif speċifikat fil-proposta tal-Kummissjoni, twassal għal influwenza perċepita jew reali fuq kif jiġu ffurmati dawk l-opinjonijiet.

Emenda 232
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-regoli ta' proċedura ta' kull kumitat għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għas-sostituzzjoni u l-kooptjar tal-membri, għall-ħolqien u l-organizzazzjoni tal-gruppi ta' ħidma u għad-delega ta' ċerti kompiti lil tali gruppi ta' ħidma, jekk applikabbli. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu wkoll proċedura għall-adozzjoni urġenti ta' opinjonijiet u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jiġu ppubblikati.	5. Ir-regoli ta' proċedura ta' kull kumitat għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għas-sostituzzjoni u l-kooptjar tal-membri, għall-ħolqien u l-organizzazzjoni tal-gruppi ta' ħidma u għad-delega ta' ċerti kompiti lil tali gruppi ta' ħidma, jekk applikabbli. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu wkoll proċedura għall-adozzjoni urġenti ta' opinjonijiet u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess. Ir-regoli ta' proċedura għandhom ***jikkunsidraw l-involviment tal-kumpaniji affettwati mill-kwistjonijiet ittrattati fil-kumitat rispettiv relatat mal-każ tagħhom, inkluża l-istedina għal-laqgħat tal-kumitat fuq talba tal-kumpanija affettwata u l-kondiviżjoni tad-dokumenti rilevanti***. ***Ir-regoli ta' proċedura għandhom*** jiġu ppubblikati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

To date, companies have only limited opportunities to present well-founded scientific arguments to the relevant ECHA committees. This is not sufficient to take appropriate account of the complex issues that companies and committees have to deal with and to ensure that affected companies are adequately consulted on all facts relevant to the decision, giving consideration to the dynamics of incorporating information into the committee's work and the results of discussions. The ECHA Regulation should therefore take into account the right of a case owner to be heard as a binding element of the "Rules of Procedure" of the ECHA committees (MSC, RAC, SEAC, etc.). Downstream users should be treated equally to registrants in the following cases: SVHC identification, ECHA recommendations for inclusion of substances in Annex XIV, restrictions, and harmonised classifications.

Emenda 233
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-regoli ta' proċedura ta' kull kumitat għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għas-sostituzzjoni u l-kooptjar tal-membri, għall-ħolqien u l-organizzazzjoni tal-gruppi ta' ħidma u għad-delega ta' ċerti kompiti lil tali gruppi ta' ħidma, jekk applikabbli. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu wkoll proċedura għall-adozzjoni urġenti ta' opinjonijiet u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jiġu ppubblikati.	5. Ir-regoli ta' proċedura ta' kull kumitat għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għas-sostituzzjoni u l-kooptjar tal-membri, għall-ħolqien u l-organizzazzjoni tal-gruppi ta' ħidma u għad-delega ta' ċerti kompiti lil tali gruppi ta' ħidma, jekk applikabbli. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jistabbilixxu wkoll proċedura għall-adozzjoni urġenti ta' opinjonijiet u għall-ġestjoni ta' kunflitti ta' interess. Ir-regoli ta' proċedura għandhom ***jinkludu l-parteċipazzjoni ta' osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat, bid-dritt li jipprovdu kontribut bil-fomm u bil-miktub, inklużi l-partijiet ikkonċernati affettwati mill-kwistjonijiet ittrattati fil-laqgħa rispettiva tal-Kumitat. Ir-regoli ta' proċeduri għandhom*** jiġu pubblikati ***fuq is-sit web tal-Aġenzija***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitati jridu jipprevedu l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-laqgħat tal-Kumitat. Meta Kumitat iqis kwistjoni li taffettwa partijiet ikkonċernati identifikabbli, dawk il-partijiet ikkonċernati jeħtiġilhom jingħataw status ta' osservatur bid-dritt li jipprovdu kontribut bil-fomm u bil-miktub għall-finijiet tad-diskussjoni kkonċernata.

Emenda 234
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-regoli ta' proċedura ta' kull kumitat għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għas-sostituzzjoni u l-kooptjar tal-membri, għall-ħolqien u l-organizzazzjoni tal-gruppi ta' ħidma u għad-delega ta' ċerti kompiti lil tali gruppi ta' ħidma, jekk applikabbli. Ir-	5. Ir-regoli ta' proċedura ta' kull kumitat għandhom jistabbilixxu l-proċeduri għas-sostituzzjoni u l-kooptjar tal-membri, għall-ħolqien u l-organizzazzjoni tal-gruppi ta' ħidma u għad-delega ta' ċerti kompiti lil tali gruppi ta' ħidma, jekk applikabbli. Ir-

regoli ta’ proċedura għandhom jistabbilixxu wkoll proċedura għall-adozzjoni urġenti ta’ opinjonijiet u għall-ġestjoni ta’ kunflitti ta’ interess. Ir-regoli ta’ proċedura għandhom jiġu ppubblikati.	regoli ta’ proċedura għandhom jistabbilixxu wkoll proċedura għall-adozzjoni urġenti ta’ opinjonijiet u għall-ġestjoni ta’ kunflitti ta’ interess. ***Kwalunkwe delega tal-kompiti lill-gruppi ta’ ħidma ma għandhiex taffettwa r-responsabbiltà tal-Kumitat għall-opinjoni finali.*** Ir-regoli ta’ proċedura għandhom jiġu ppubblikati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni tippermetti lill-kumitati jiddelegaw ċerti kompiti lill-gruppi ta’ ħidma, hija ma tiċċarax b’mod espliċitu kif tinżamm ir-responsabbiltà għall-opinjoni finali. Għalhekk huwa importanti li jiġu żgurati ċ-ċarezza legali u l-obbligu ta’ rendikont billi jiġi kkonfermat li l-kumitat jibqa’ kompletament responsabbli għall-opinjonijiet imħejjija bl-involviment tal-gruppi ta’ ħidma. Dan isaħħaħ it-trasparenza u l-fiduċja fil-proċess tat-teħid ta’ deċiżjonijiet xjentifiċi, mingħajr ma jillimita l-flessibbiltà jew it-titjib fl-effiċjenza.

Emenda 235
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-paragrafu 6 ma għandux japplika għall-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur li għandu jkun ippresedut minn żewġ Kopresidenti, f’konformità mal-governanza doppja tal-Kumitati kif speċifikat fl-Artikolu 15(3). Il-kopresidenza għandha tiġi organizzata kif ġej:
	(a) Kopresident wieħed għandu jkun impjegat tal-Aġenzija u għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija; dak il-Kopresident għandu jkun responsabbli għall-appoġġ amministrattiv tal-Kumitat,
	(b) Kopresident wieħed għandu jkun membru tal-SCCS u għandu jiġi elett mill-membri tal-kumitat; dak il-Kopresident għandu jkun responsabbli

għad-direzzjoni xjentifika tal-ħidma tal-Kumitat.

Id-diviżjoni dettaljata tal-kompiti bejn il-Kopresidenti għandha tiġi stabbilita fir-Regoli ta' Proċedura tal-SCCS, mingħajr preġudizzju għall-indipendenza xjentifika tal-Kumitat.

Or. en

Emenda 236
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-paragrafu 6 ma għandux japplika għall-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS), li għandu jinnomina l-President tiegħu minn fost il-membri tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda żżomm is-sistema attwali li biha l-President tal-SCCS jiġi elett minn fost il-membri tiegħu. Dan huwa essenzjali biex tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza xjentifika, jiġu pprevenuti l-kunflitti ta' interess, tiġi żgurata l-kontinwità, u jiġu ppreżervati l-kredibbiltà, l-effettività u r-rwol tal-SCCS bħala l-korp ta' referenza tal-UE għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kożmetiċi.

Emenda 237
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 15a
	Għal-laqgħat kollha tal-Kumitat għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku sommarji sostanzjali fi żmien

debitu, sabiex il-pubbliku jkun jista' jsegwi l-progress li jkun sar fuq dossiers u punti oħra diskussi, jifhem kwistjonijiet pendenti u kwalunkwe raġuni għal deċiżjonijiet, opinjonijiet jew dewmien. Barra minn hekk, għandu jiġi ppubblikat kwalunkwe dokument ta' kumitat, tal-Aġenzija jew tal-Kummissjoni dwar suġġetti ġenerali u mhux speċifiċi għas-sustanza ta' Kumitat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

ECHA regularly only publishes so-called "final minutes" after committee meetings. These documents show which topics were discussed, but in most cases do not allow to track the progress of the meeting and the meeting results in detail. For this reason, the approach is often perceived as non-transparent by those affected and also by the public. Greater transparency has two effects: Stakeholders gain a better understanding of how ECHA works, enabling them to prepare better applications for authorisations or better comments for public consultations, for example. Thus, authorities can process applications, decisions, and opinions more efficiently. In addition, documents on overarching, non-substance-specific topics, e.g., the approach for prioritising SVHCs, the inclusion of substances in REACH Annex XIV, the evaluation of authorisation applications and restriction proposals, etc., should be published together with the "full minutes" of a meeting.In addition, documents on overarching, non-substance-specific topics, e.g., the approach for prioritising SVHCs, the inclusion of substances in REACH Annex XIV, the evaluation of authorisation applications and restriction proposals, etc., should be published together with the "full minutes" of a meeting.

Emenda 238
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Aġenzija għandha żżomm lista aġġornata ta' esperti, li għandha tinkludi l-esperti msemmija fl-Artikolu 16(1) u esperti oħrajn identifikati direttament mill-Aġenzija.	4. L-Aġenzija għandha żżomm lista aġġornata ta' esperti, li għandha tinkludi l-esperti msemmija fl-Artikolu 16(1) u esperti oħrajn identifikati direttament mill-Aġenzija. ***Din il-lista għandha tiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Aġenzija.***

Or. en

Emenda 239
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Aġenzija għandha żżomm lista aġġornata ta' esperti, li għandha tinkludi l-esperti msemmija fl-Artikolu 16(1) u esperti oħrajn identifikati direttament mill-Aġenzija.	4. L-Aġenzija għandha żżomm lista aġġornata ta' esperti, li għandha tinkludi l-esperti msemmija fl-Artikolu 16(1) u esperti oħrajn identifikati direttament mill-Aġenzija***, kif ukoll il-kwalifiki tagħhom***.

Or. en

Emenda 240
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-laqgħat tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv, il-presidenti u l-membri tal-Kumitati u l-Forum u kwalunkwe espert parteċipant għandhom jiddikjaraw kwalunkwe interess addizzjonali li jista' jitqies bħala ta' preġudizzju għall-obbligi tal-membri skont l-Artikolu 14(10) fir-rigward ta' kwalunkwe punt fuq l-aġenda. Persuna li tkun iddikjarat tali interessi ma għandhiex tipparteċipa fil-votazzjoni fuq il-punt rilevanti.	3. Fil-laqgħat tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija, id-Direttur Eżekuttiv, il-presidenti u l-membri tal-Kumitati u l-Forum u kwalunkwe espert ***jew konsulent*** parteċipant għandhom jiddikjaraw kwalunkwe interess addizzjonali li jista' jitqies bħala ta' preġudizzju għall-obbligi tal-membri skont l-Artikolu 14(10) fir-rigward ta' kwalunkwe punt fuq l-aġenda. Persuna li tkun iddikjarat tali interessi ma għandhiex tipparteċipa fil-votazzjoni fuq il-punt rilevanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-membri parteċipanti kollha fil-laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija għandhom jiddikjaraw kwalunkwe kunflitt ta' interess.

Emenda 241

Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Appell imressaq skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu ma għandux ikollu effett sospensiv. Madankollu, il-Bord tal-Appell jista', jekk iqis li ċ-ċirkostanzi jirrikjedu dan, jissospendi l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tipprevjeni l-użu ħażin ta' appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija u għandha l-għan li tistabbilixxi kundizzjonijiet minimi ekwi madwar l-Unjoni.

Emenda 242
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Appell ippreżentat skont il-paragrafu 1 ma għandux jissospendi awtomatikament l-effetti tad-deċiżjoni. Madankollu, meta l-Bord tal-Appell iqis li jkun meħtieġ minħabba ċ-ċirkostanzi, jista' jiddeċiedi li jissospendi temporanjament l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan inaqqas ir-riskju li l-appelli jintużaw b'mod strateġiku biex idewmu r-regolamentazzjoni ta' sustanzi kimiċi dannużi. Is-sospensjoni xorta tkun possibbli, iżda għandha tkun ibbażata fuq raġunijiet ġenwini u b'baži soda. Barra minn hekk, is-sospensjoni awtomatika tirriskja li toħloq pożizzjonijiet amministrattivi bla bżonn.

Emenda 243
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Ma għandu jkun hemm l-ebda effett sospensiv awtomatiku ta' appell imsemmi fil-paragrafu 1. Madankollu, il-Bord tal-Appell jista', jekk iqis li dan huwa rilevanti, jitlob is-sospensjoni ta' din l-applikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

Or. en

Emenda 244
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 25a
	1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun reġistrant, manifattur, importatur jew utent downstream kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tista' titlob rieżami ta' opinjoni jew deċiżjoni xjentifika jew teknika tal-Aġenzija, inklużi l-Kumitati tagħha, li ma tkunx soġġetta għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament dment li din il-persuna
	(a) hija affettwata direttament jew indirettament minn tali deċiżjoni jew opinjoni jew tista' tiġi affettwata minn atti leġiżlattivi tal-Unjoni jew atti bbażati fuq tali atti (leġiżlazzjoni delegata, ta' implimentazzjoni) li jkunu bbażati fuq tali ħidma minn qabel mill-Aġenzija,
	(b) tipprovdi raġunament sostanzjat għal kwalunkwe aspett li titlob li jiġi rieżaminat minħabba li ma jiġix

ikkunsidrat b'mod xieraq fl-opinjoni jew fid-deċiżjoni, u

(c) tipprovdi proposta għal rimedju.

2. Għall-ġestjoni ta' oġġezzjonijiet bħal dawn għandu jitwaqqaf Bord ta' Rieżami: Għall-kompożizzjoni, is-sħubija u l-kriterji ta' esklużjoni tiegħu, l-Artikoli 20 sa 22 għandhom japplikaw mutatis mutandis.

3. L-eżitu tar-rieżami tal-bord għandu jinkludi, fost riżultati oħra, ir-revoka sħiħa jew parzjali tal-opinjoni u/jew riferiment lura lill-kumitat għal valutazzjoni ulterjuri bil-kundizzjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Under REACH and the Biocidal Products Regulation, certain ECHA decisions may be appealed before the Agency's Board of Appeal (BoA). However, no appeal mechanism exists for scientific opinions issued by ECHA committees, such as those delivered in REACH restriction procedures or harmonised classification under the CLP Regulation. Nor is there any independent review of these opinions, despite their scientific complexity and significant regulatory and economic implications.As a result, affected parties currently have no effective administrative remedy and must rely on judicial proceedings before the European courts, often only at a later stage, once legislation based on the opinion has been adopted.To address this gap, an independent review panel, with a composition similar to the BoA, should be established to examine scientific or technical opinions issued by ECHA committees. Registrants, manufacturers, importers and downstream users directly affected should have the right to submit objections.The panel could confirm, partially or fully revoke an opinion, or refer it back to the relevant committee for further assessment under defined conditions. This would enhance procedural fairness, legal certainty and the robustness of scientific decision-making, without undermining ECHA's scientific independence.

Emenda 245
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-Aġenzija skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistgħu jkunu l-oġġett ta' lment lill-Ombudsman

jew ta' azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 195 u 230 tat-Trattat rispettivament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni tal-Artikolu 118(1), il-paragrafu (4) tar-Regolament REACH li l-Kummissjoni ma rriflettietx fir-Regolament ta' Twaqqif tal-ECHA, meta ħassret dan l-Artikolu mir-Regolament REACH.

Emenda 246
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sal-aħħar ta' kull sena, abbażi ***tal-abbozz*** mid-Direttur Eżekuttiv, il-Bord tat-Tmexxija għandu japprova abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni li jkun fih dawn li ġejjin:	1. Sal-aħħar ta' kull sena, abbażi ***tal-proposta*** mid-Direttur Eżekuttiv, il-Bord tat-Tmexxija għandu japprova abbozz ta' dokument uniku ta' programmazzjoni li jkun fih dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 247
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***id-dokumenti*** kollha elenkati fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/715;	(a) ***il-programmazzjoni pluriennali u annwali u d-dokumenti*** kollha elenkati fl-Artikolu 32(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/715;

Or. en

Emenda 248
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ġustifikazzjoni ***dwar*** kwalunkwe trasferiment potenzjali ta' riżorsi finanzjarji u umani bejn l-attivitajiet differenti tal-Aġenzija;	(b) ***valutazzjoni tal-ħtiġijiet finanzjarji u tal-kapaċità biex twettaq il-kompiti attwali u futuri tagħha, flimkien ma'*** ġustifikazzjoni ***ta'*** kwalunkwe trasferiment potenzjali ta' riżorsi finanzjarji u umani bejn l-attivitajiet differenti tal-Aġenzija;

Or. en

Emenda 249
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-programmazzjoni annwali għandha tinkludi l-objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija, inklużi l-indikaturi tal-prestazzjoni. Hija għandu jkun fiha wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokati għal kull azzjoni, f'konformità mal-prinċipji ta' bbaġitjar u mmaniġġar ibbażati fuq l-attività. Il-programmazzjoni annwali għandha tkun koerenti mal-programmazzjoni pluriennali msemmija fil-paragrafu 1. ***Hija*** għandha tindika b'mod ċar il-kompiti li jkunu żdiedu, inbidlu jew tħassru meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti.	5. Il-programmazzjoni annwali għandha tinkludi l-objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija, inklużi l-indikaturi tal-prestazzjoni. Hija għandu jkun fiha wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokati għal kull azzjoni, f'konformità mal-prinċipji ta' bbaġitjar u mmaniġġar ibbażati fuq l-attività. Il-programmazzjoni annwali għandha tkun koerenti mal-programmazzjoni pluriennali msemmija fil-paragrafu 1 ***u*** għandha tindika b'mod ċar il-kompiti li jkunu żdiedu, inbidlu jew tħassru meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti. ***Din għandha tiżgura li l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani tal-Aġenzija tiġi ddeterminata mill-Aġenzija b'mod konsistenti mal-mandat, il-ħtiġijiet operazzjonali u l-prijoritajiet xjentifiċi tagħha.***

Or. en

Emenda 250
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-programmazzjoni annwali għandha tinkludi l-objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija, inklużi l-indikaturi tal-prestazzjoni. Hija għandu jkun fiha wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokati għal kull azzjoni, f'konformità mal-prinċipji ta' bbaġitjar u mmaniġġar ibbażati fuq l-attività. Il-programmazzjoni annwali għandha tkun koerenti mal-programmazzjoni pluriennali msemmija fil-paragrafu 1. Hija għandha tindika b'mod ċar il-kompiti li jkunu żdiedu, inbidlu jew tħassru meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti.	5. Il-programmazzjoni annwali għandha tinkludi l-objettivi dettaljati u r-riżultati mistennija, inklużi ***meta jkun possibbli, kriterji li jistgħu jitkejlu u*** l-indikaturi tal-prestazzjoni. Hija għandu jkun fiha wkoll deskrizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati u indikazzjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani allokati għal kull azzjoni, f'konformità mal-prinċipji ta' bbaġitjar u mmaniġġar ibbażati fuq l-attività. Il-programmazzjoni annwali għandha tkun koerenti mal-programmazzjoni pluriennali msemmija fil-paragrafu 1. Hija għandha tindika b'mod ċar il-kompiti li jkunu żdiedu, inbidlu jew tħassru meta mqabbla mas-sena finanzjarja preċedenti.

Or. en

Emenda 251
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-programmazzjoni pluriennali u l-programmazzjoni annwali għandhom jitħejjew f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/715.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Korrezzjoni editorjali.

Emenda 252
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. It-tariffi u l-imposti mitluba skont il-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti f'livell suffiċjenti biex ikopru l-kostijiet tas-servizzi pprovduti f'konformità ma' dik il-leġiżlazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tariffi u l-imposti huma maħsuba biex ikopru l-kostijiet tal-Aġenzija għall-forniment ta' servizzi speċifiċi, inkluż l-ipproċessar ta' reġistrazzjonijiet u applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni skont ir-Regolament REACH u għal sustanzi attivi u prodotti bijoċidali, u r-Regolament Bażiku għandu jiżgura li dawn jintużaw biss għall-iskop maħsub tagħhom.

Emenda 253
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4b. Fil-limiti tal-baġit adottat f'konformità mar-regoli baġitarji tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha tkun responsabbli għad-determinazzjoni tal-allokazzjoni interna tar-riżorsi finanzjarji fl-attivitajiet u l-kompiti kollha tagħha, f'konformità mal-mandat u d-dokumenti ta' programmazzjoni tagħha.

Or. en

Emenda 254
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) it-tariffi u l-imposti skont il-leġiżlazzjoni settorjali, flimkien ma' sorsi oħra ta' dħul tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 3, għandhom ikomplu jkopru b'mod suffiċjenti l-kostijiet tas-servizzi pprovduti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rispettiva tal-Unjoni kif iddeterminat minn dik il-leġiżlazzjoni.

Or. en

Emenda 255
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-kundizzjonijiet għar-riżerva stabbiliti fil-paragrafu 5, u għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 46(1) biex temenda l-paragrafu 5 abbażi ta' tali rieżami.	6. Il-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-kundizzjonijiet għar-riżerva stabbiliti fil-paragrafu 5 ***u għandha tikkunsidra l-fluttwazzjonijiet fl-introjtu tal-Aġenzija minn tariffi u imposti matul snin suċċessivi meta tagħmel dan***, u għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 46(1) biex temenda l-paragrafu 5 abbażi ta' tali rieżami.

Or. en

Emenda 256
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Aġenzija għandha tipprovdi taħriġ annwali għall-persunal u l-membri tal-kumitat fir-rigward tal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-Regolament bażiku għandu jipprevedi taħriġ annwali għall-persunal u l-membri tal-kumitat fir-rigward tal-kompiti ewlenin tal-Aġenzija. Dan huwa fformulat f'sens ġeneriku apposta biex jiġi evitat li jintgħażlu ċerti kompiti.

Emenda 257
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Minħabba l-qasam sensittiv ħafna tal-funzjoni tagħha, huwa essenzjali li l-Aġenzija tistabbilixxi miżuri ta' trasparenza mill-aktar ambizzjużi, inkluż billi tiffirma l-ftehim interistituzzjonali tar-Reġistru tat-Trasparenza, u tistabbilixxi prudenza estrema meta tittratta mal-lobbisti.

Or. en

Emenda 258
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-informazzjoni u d-data l-oħra kollha mhux koperti mill-paragrafu 1, il-Bord tat-Tmexxija għandu, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv u bi qbil	2. Għall-informazzjoni u d-data l-oħra kollha mhux koperti mill-paragrafu 1, il-Bord tat-Tmexxija għandu, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv u bi qbil

mal-Kummissjoni, jadotta regoli biex jiżgura d-disponibbiltà għall-pubbliku ta' informazzjoni regolatorja, xjentifika u teknika dwar is-sikurezza tas-sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti fejn tali ***informazzjoni ma tkunx ta' natura kunfidenzjali kif definita*** fil-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni.	mal-Kummissjoni, jadotta regoli biex jiżgura d-disponibbiltà għall-pubbliku ta' informazzjoni regolatorja, xjentifika u teknika dwar is-sikurezza tas-sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti fejn tali ***divulgazzjoni u disponibbiltà għall-pubbliku huma previsti*** fil-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni. ***Dawk ir-regoli għandhom jiġu adottati f'konformità mal-prinċipju tal-oriġinatur kif definit fir-Regolament (UE) 2025/2455, u għandhom jiżguraw li d-divulgazzjoni tal-informazzjoni tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali, id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, id-data personali u interessi oħra protetti legalment. Dawn għandhom jiżguraw ukoll li s-sors, l-integrità u l-kuntest regolatorju tal-informazzjoni, kif sottomessi mid-detentur tad-data, jiġu ppreżervati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali u l-kundizzjonijiet għall-aċċess pubbliku huma definiti fil-leġiżlazzjoni rilevanti speċifika għas-settur. Ir-regoli tal-ECHA dwar il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni jridu jkunu allinjati mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni li skontha tkun ġiet iġġenerata d-data, filwaqt li jiżguraw li l-informazzjoni soġġetta għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità ma tiġix ddivulgata.

Emenda 259
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għall-informazzjoni u d-data l-oħra kollha mhux koperti mill-paragrafu 1, il-Bord tat-Tmexxija għandu, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv u bi qbil mal-Kummissjoni, jadotta regoli biex jiżgura ***d-disponibbiltà għall-pubbliku ta'*** informazzjoni regolatorja, xjentifika u	2. Għall-informazzjoni u d-data l-oħra kollha mhux koperti mill-paragrafu 1, il-Bord tat-Tmexxija għandu, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv u bi qbil mal-Kummissjoni, jadotta regoli biex jiżgura ***aċċess pubbliku biss għal tali*** informazzjoni regolatorja, xjentifika u

teknika dwar is-sikurezza tas-sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti ***fejn tali informazzjoni ma tkunx ta' natura kunfidenzjali kif definita fil-leġiżlazzjoni*** settorjali tal-Unjoni.	teknika dwar is-sikurezza tas-sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti ***li hija maħsuba li ssir disponibbli għall-pubbliku skont il-leġiżlazzjoni*** settorjali ***applikabbli*** tal-Unjoni. ***L-informazzjoni u l-elementi tad-data li, skont il-leġiżlazzjoni settorjali oriġinarja tal-Unjoni, mhumiex maħsuba għall-pubblikazzjoni jew li għalihom ma teżisti l-ebda proċedura biex jintalab trattament kunfidenzjali għandhom jibqgħu soġġetti għall-"prinċipju tal-oriġinatur" u ma għandhomx isiru disponibbli għall-pubbliku.***
	Or. en

Emenda 260
Volker Schnurrbusch, Anja Arndt

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Għall-informazzjoni u d-data l-oħra kollha mhux koperti mill-paragrafu 1, il-Bord tat-Tmexxija għandu, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv u bi qbil mal-Kummissjoni, jadotta regoli biex jiżgura d-disponibbiltà għall-pubbliku ta' informazzjoni regolatorja, xjentifika u teknika dwar is-sikurezza tas-sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti ***fejn tali informazzjoni ma tkunx ta' natura kunfidenzjali kif definita fil-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni***.	(2) Għall-informazzjoni u d-data l-oħra kollha mhux koperti mill-paragrafu 1, il-Bord tat-Tmexxija għandu, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv u bi qbil mal-Kummissjoni, jadotta regoli biex jiżgura d-disponibbiltà għall-pubbliku ta' informazzjoni regolatorja, xjentifika u teknika dwar is-sikurezza tas-sustanzi waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti ***f'konformità mal-prinċipju tal-oriġinatur***.
	Or. de

Emenda 261
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Aġenzija għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' tabella ta' valutazzjoni tat-tikkettar simplifikata fir-rigward ta' sustanzi perikoluż kif ukoll fir-rigward tal-preżenza tagħhom f'taħlitiet u oġġetti, li tikkomplementa r-rekwiżiti eżistenti tat-tikkettar fid-dritt tal-Unjoni biex il-pubbliku ġenerali jkun jista' jifhem malajr in-natura perikoluża relattiva ta' tali prodotti. L-Aġenzija għandha tippreżenta għażliet differenti għal tali tabella ta' valutazzjoni tat-tikkettar u tadotta rapport tal-valutazzjoni tagħha sa mhux aktar tard minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data ta' 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-Aġenzija għandha tippreżenta r-rapport lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew u tagħmlu disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fi Franza, l-ANSES ipproponiet li tikkategorizza l-prodotti għal użu domestiku skont it-tossiċità tagħhom. Din hija idea tajba li għandha tiġi vvalutata b'mod ġenerali fil-livell Ewropew u għat-tipi kollha ta' prodotti għall-konsumatur. L-Aġenzija hija l-korp it-tajjeb biex tagħmel tali valutazzjoni u tipproponi għażliet għaliha. Għandha tiġi stabbilita skadenza ċara għal dan ix-xogħol.

Emenda 262
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha żżomm djalogu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u mal-korpi kompetenti rilevanti li joperaw fil-qasam tal-kompetenza tagħha fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali.	L-Aġenzija għandha żżomm djalogu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili u mal-korpi kompetenti rilevanti li joperaw fil-qasam tal-kompetenza tagħha fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali. ***Dan jista'***

jitwettaq permezz ta' fora regolari tal-partijiet ikkonċernati u mekkaniżmi ta' konsultazzjoni trasparenti inklużi atturi ewlenin, li jinvolvu NGOs b'għarfien espert f'approċċi li ma jinvolvux l-annimali, l-ambjent, is-saħħa okkupazzjonali u t-trade unions.

Or. en

Emenda 263
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha żżomm djalogu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet rilevanti ***tas-soċjetà ċivili u mal-korpi kompetenti rilevanti li joperaw fil-qasam tal-kompetenza tagħha fil-livell nazzjonali, tal-Unjoni u internazzjonali***.	***Il-kumitati kollha għandhom joffru lis-sħab soċjali*** rilevanti ***l-opportunità li jipparteċipaw f'seduti ta' smigħ regolari jekk ikun hemm il-possibbiltà li jiġu affettwati minn deċiżjonijiet tal-kumitati sabiex jitħaffef il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali***.

Or. en

Emenda 264
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Sabiex jippromwovu l-koordinazzjoni u t-trasparenza fil-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni tagħhom, il-kumitati kollha għandhom joffru lis-sħab soċjali rilevanti l-opportunità li jipparteċipaw f'seduti ta' smigħ regolari jekk ikun hemm il-possibbiltà li jiġu affettwati minn deċiżjonijiet tal-kumitati sabiex jitħaffef il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet,

f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali.

Or. en

Emenda 265
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli ***u*** fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.	L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi ***u ta' sustanzi kimiċi perikoluży oħra u gruppi tagħhom*** b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli***. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni*** fl-iżvilupp***, l-aċċettazzjoni regolatorja, l-adozzjoni u l-armonizzazzjoni internazzjonali*** ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali ***u metodoloġiji emerġenti***, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni***, il-kontribut għad-definizzjoni tal-ħtiġijiet tal-ġenerazzjoni tad-data***, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni***, inkluż ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]. B'mod partikolari, l-Aġenzija għandha tassisti u tikkontribwixxi għar-riċerka dwar ir-rabtiet bejn l-esponiment għal sustanzi kimiċi perikoluży u l-impatti negattivi fuq is-saħħa fil-qasam tal-espożomija.***

[1a] Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28

ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj

Or. en

Ġustifikazzjoni

Issaħħaħ ir-rwol tal-Aġenzija fir-rigward ta' approċċi li ma jinvolvux l-annimali.

Emenda 266
Pietro Fiocchi

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli ***u fl-iżvilupp*** ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, ***inklużi*** approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu ***tas-sustanzi kimiċi***. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni***, kif ukoll il-parteċipazzjoni*** fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali ***rilevanti*** tal-Unjoni.	L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli***, filwaqt li tqis il-kunsiderazzjonijiet soċjoekonomiċi, tal-katina tal-provvista u strateġiċi rilevanti, inklużi l-iżviluppi ġeopolitiċi esterni li jaffettwaw id-disponibbiltà, ir-reżiljenza u l-kompetittività fl-Unjoni. Għandha tappoġġa wkoll l-iżvilupp*** ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, ***b'enfasi partikolari fuq*** approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu ***tagħhom***. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, ***u l-parteċipazzjoni*** fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali ***applikabbli*** tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 267
Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Ewa Kopacz, Hanna Gronkiewicz-Waltz, Adam Jarubas

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.	L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli ***għal dawk l-użi u l-applikazzjonijiet li huma ppruvati li joħolqu riskji għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent*** u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija għandha tiffoka fuq ir-riskji potenzjali tas-sustanzi kimiċi li jikkawżaw dannu, permezz ta' valutazzjonijiet tar-riskju mmirati għall-applikazzjoni.

Emenda 268
Jorge Buxadé Villalba

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ***fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u*** fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti***, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali,*** biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, ***kif ukoll ir-riskji*** u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.	L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi***, tivvaluta r-riskji*** u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi ***perikoluži***, ***kif ukoll l-impatti soċjoekonomiċi tas-sostituzzjoni potenzjali tagħhom***. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 269
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, ***inklużi*** approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.	L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, ***primarjament iffukata fuq*** approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda proposta tirrifletti l-impenn fit-tul tal-UE li tavvanza alternattivi etiċi u xjentifikament robusti għall-ittestjar fuq l-annimali.

Emenda 270
Dennis Radtke, Dimitris Tsiodras

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, ***inklużi*** approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.	L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, ***primarjament iffukata fuq*** approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 271
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni ***tal-aktar***	L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni ***ta'*** sustanzi

sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.	kimiċi dannużi ***u tat-taħlitiet tagħhom*** b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 272
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tassisti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-promozzjoni tas-sostituzzjoni tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi b'sustanzi u teknoloġiji alternattivi aktar sikuri u sostenibbli u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi rilevanti, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-riskji u l-impatti soċjoekonomiċi tal-użu tas-sustanzi kimiċi. Tali assistenza għandha tinkludi l-faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll il-parteċipazzjoni fi u l-faċilitazzjoni ta' attivitajiet rilevanti ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 273
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Aġenzija tista', waħedha jew f'kooperazzjoni ma' korpi oħra tal-Unjoni, tippubblika rapporti annwali dwar ir-riskji, l-għarfien u l-lakuni fid-data fil-qasam tal-kompetenza tagħha, inkluż dwar ir-riskji emerġenti tas-sustanzi kimiċi.

Or. en

Emenda 274
Dimitris Tsiodras, Dennis Radtke

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi oħrajn stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni, inklużi iżda mhux limitati għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, dwar l-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi rilevanti, dwar l-iskambju ta' data u informazzjoni, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' formati ta' data relatati u vokabularji kkontrollati biex jiffaċilitaw tali skambju, u dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, għall-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi.	L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi oħrajn stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni, inklużi iżda mhux limitati għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, dwar l-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi rilevanti, dwar l-iskambju ta' data u informazzjoni, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' formati ta' data relatati u vokabularji kkontrollati biex jiffaċilitaw tali skambju, u dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, għall-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi. ***F'dan il-kuntest, l-Aġenzija għandha tiżgura l-kooperazzjoni mal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għal alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali***

(EURL ECVAM), b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi u attivitajiet ta' taħriġ.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-formulazzjoni proposta tfittex li tinkludi b'mod espliċitu l-EURL ECVAM fil-lista ta' korpi li magħhom l-Aġenzija għandha tikkollabora, minħabba l-għarfien espert u l-mandat speċifiċi tagħhom fl-iżvilupp, il-validazzjoni u l-aċċettazzjoni regolatorja ta' approċċi li ma jinvolvux l-annimali. Dan se jappoġġa u jsaħħaħ il-kapaċità tal-Aġenzija li tippromwovi u timplimenta sostituzzjonijiet tal-ittestjar fuq l-annimali.

Emenda 275
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi oħrajn stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni, inklużi iżda mhux limitati għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ***u*** l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, dwar l-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi rilevanti, dwar l-iskambju ta' data u informazzjoni, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' formati ta' data relatati u vokabularji kkontrollati biex jiffaċilitaw tali skambju, u dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, għall-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi.	L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi oħrajn stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni, inklużi iżda mhux limitati għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini***,*** l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ***u mal-Laboratorju ta' Referenza tal-Unjoni Ewropea għal alternattivi għall-ittestjar fuq l-annimali***, dwar l-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi rilevanti, dwar l-iskambju ta' data u informazzjoni, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' formati ta' data relatati u vokabularji kkontrollati biex jiffaċilitaw tali skambju, u dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, għall-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ECVAM għandu jiġi elenkat b'mod espliċitu fost il-korpi stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni li magħhom l-Aġenzija għandha tikkoopera.

Emenda 276
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi oħrajn stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni, inklużi iżda mhux limitati għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, dwar l-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi rilevanti, dwar l-iskambju ta' data u informazzjoni, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' formati ta' data relatati u vokabularji kkontrollati biex jiffaċilitaw tali skambju, u dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, għall-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi.	L-Aġenzija għandha tikkoopera ma' korpi oħrajn stabbiliti skont id-dritt tal-Unjoni, inklużi iżda mhux limitati għaċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, dwar l-għoti ta' opinjonijiet xjentifiċi rilevanti, dwar l-iskambju ta' data u informazzjoni, inkluż l-istabbiliment possibbli ta' formati ta' data relatati u vokabularji kkontrollati biex jiffaċilitaw tali skambju, u dwar l-iżvilupp ta' metodoloġiji xjentifiċi, inklużi approċċi li ma jinvolvux l-annimali, għall-valutazzjoni tas-sustanzi kimiċi.

Or. en

Emenda 277
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1907/2006
Artikolu 91 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-Artikolu 91, il-paragrafu (2), huwa sostitwit b'dan li ġej:

Appellant jista' jitlob li appell imressaq skont il-paragrafu 1 ikollu effett sospensiv. Talba bħal din għandha tkun ġustifikata. Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi jekk ikunx ġustifikat li jissospendi d-deċiżjoni kkontestata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 91(2) attwali tar-Regolament REACH, appell imressaq quddiem il-Bord tal-Appell għandu jkollu effett sospensiv. Dan l-effett sospensiv awtomatiku jinċentiva bla bżonn il-kontestazzjonijiet legali. L-appellanti għandhom jitħallew jitolbu miżuri interim, li għandhom jiġu ġġustifikati. Madankollu, għandu jkun f'idejn il-Bord tal-Appell li jiddeċiedi jekk tali miżuri interim ikunux ġustifikati. Dan huwa b'analoġija għall-approċċ fir-rigward ta' miżuri interim f'każ ta' kontestazzjonijiet legali fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. L-istess għandu jiġi applikat għall-Bord tal-Appell.

Emenda 278
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1907/2006
Artikolu 91 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) fl-Artikolu 91, jitħassar il-paragrafu 2;

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emendi tagħna għall-Artikolu 24(2), li jipprevedu li appell ma għandux ikollu effett sospensiv awtomatiku.

Emenda 279
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 1907/2006
Artikolu 91 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) fl-Artikolu 91, jitħassar il-paragrafu 2;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Bord tal-Appell għandu jingħata d-dritt li jikkunsidra u jieħu deċiżjonijiet interim, biex jipprevjeni l-użu ħażin tad-dispożizzjoni u jistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni.

Emenda 280
Majdouline Sbai

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 528/2012
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 77, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	Appellant jista' jitlob li appell imressaq skont il-paragrafu 1 ikollu effett sospensiv. Talba bħal din għandha tkun ġustifikata. Il-Bord tal-Appell għandu jiddeċiedi jekk ikunx ġustifikat li jissospendi d-deċiżjoni kkontestata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont l-Artikolu 77(1) attwali tar-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali, appell imressaq quddiem il-Bord tal-Appell għandu jkollu effett sospensiv. Dan l-effett sospensiv awtomatiku jinċentiva bla bżonn il-kontestazzjonijiet legali. L-appellanti għandhom jitħallew jitolbu miżuri interim, li għandhom jiġu ġġustifikati. Madankollu, għandu jkun f'idejn il-Bord tal-Appell li jiddeċiedi jekk tali miżuri interim ikunux ġustifikati. Dan huwa b'analoġija għall-approċċ fir-rigward ta' miżuri interim f'każ ta' kontestazzjonijiet legali fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. L-istess għandu jiġi applikat għall-Bord tal-Appell.

Emenda 281
Per Clausen

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 528/2012
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 77, jitħassar il-paragrafu 2.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emendi tagħna għall-Artikolu 24(2), li jipprevedu li appell ma għandux ikollu effett sospensiv awtomatiku.

Emenda 282
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) Nru 528/2012
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 77, jitħassar il-paragrafu 2.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Bord tal-Appell għandu jirċievi d-dritt li jikkunsidra u jieħu deċiżjonijiet interim sabiex jipprevjeni l-użu ħażin tad-dispożizzjoni u joħloq kundizzjonijiet ekwi madwar l-Unjoni.

Emenda 283
Ondřej Knotek, Mathilde Androuët, Marie-Luce Brasier-Clain, Viktória Ferenc, Anne-Sophie Frigout, Jana Nagyová, Antonín Staněk

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mhux aktar tard minn sentejn wara	1. Mhux aktar tard minn sentejn wara

[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal: id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tibda evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija b'rabta mal-objettivi, il-kompiti u l-governanza tagħha.	[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal: id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], u kull 5 snin wara dan, ***f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffettività,*** il-Kummissjoni għandha tibda evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija ***inkluż - kull fejn ikun possibbli - indikaturi li jistgħu jitkejlu*** b'rabta mal-objettivi, il-kompiti***, ir-riżultati miksuba*** u l-governanza tagħha.

Or. en

Emenda 284
Martin Hojsík, Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Aġenzija, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din.	2. L-evalwazzjoni għandha tindirizza l-ħtieġa possibbli li jiġi mmodifikat il-mandat tal-Aġenzija, u l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' kwalunkwe modifika bħal din. ***Il-valutazzjoni għandha tinkludi l-funzjonament tal-Kumitati u tal-Forum u l-ħtieġa possibbli li jiġu mmodifikati r-regoli tagħhom għas-sħubija jew il-funzjonament tagħhom.***

Or. en